

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 107



Edizzjoni bil-Malti

## Leġiżlazzjoni

Volum 58

25 ta' April 2015

Werrej

### II Atti mhux leġiżlattivi

#### REGOLAMENTI

- \* Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/647 tal-24 ta' April 2015 li jemenda u jikkoreġi l-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-użu ta' ċerti addittivi tal-ikel<sup>(1)</sup> ..... 1
- \* Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/648 tal-24 ta' April 2015 li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mat-tnejhija tas-sustanza aromatizzanti N-Etil (2E, 6Z)-nonadienammid<sup>(1)</sup> ..... 15
- \* Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/649 tal-24 ta' April 2015 li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u l-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 rigward l-użu tal-L-lewċina bħala portatriċi għall-pilloli dolċifikanti għal fuq il-mejda<sup>(1)</sup> ..... 17

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/650 tal-24 ta' April 2015 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex 21

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/651 tal-24 ta' April 2015 dwar il-ħruġ tal-liċenzji tal-importazzjoni tar-ross skont il-kwoti tariffarji miftuħa għas-subperjodu ta' April 2015 permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011 ..... 23

#### DIRETTIVI

- \* Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/652 tal-20 ta' April 2015 li tistabbilixxi l-metodi ta' kalkolu u rekwiżiti ta' rappurtar skont id-Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil ..... 26
- \* Direttiva tal-Kummissjoni (UE) 2015/653 tal-24 ta' April 2015 li temenda d-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-liċenzji tas-sewqan<sup>(1)</sup> ..... 68

<sup>(1)</sup> Test b'rilevanza għaż-ŻEE

## DEĊIJONIJIET

- ★ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/654 tal-21 ta' April 2015 li taħtar lis-Segretarju Ĝeneralu tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għall-perijodu mill-1 ta' Lulju 2015 sat-30 ta' Ġunju 2020 ..... 74
- ★ Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/655 tat-23 ta' April 2015 skont l-Artikolu 3(3) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-formulazzjoni bbażata fuq il-polidimetsilossan li tqiegħed fis-suq għall-kontroll tan-nemus<sup>(1)</sup> 75
- ★ Deċiżjoni (UE) 2015/656 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-4 ta' Frar 2015 dwar il-kundizzjonijiet li taħthom l-istituzzjoni jiet ta' kreditu jitħallew jinkludu profiti interim jew ta' tmiem issena f'Kapital ta' Ekwitā Komuni ta' Grad 1 skont l-Artikolu 26(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 (BĊE/2015/4) ..... 76

<sup>(1)</sup> Test b'rilevanza għaż-ŻEE

## II

(Attie mhux leġiżlattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/647

tal-24 ta' April 2015

**li jemenda u jikkoreġi l-Anness II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-użu ta' ċerti addittivi tal-ikel**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(3) tiegħi,

Billi:

- (1) L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 jistabbilixxi lista tal-Unjoni ta' addittivi tal-ikel li huma approvati għall-użu fl-ikel u l-kundizzjonijiet tal-użu tagħhom.
- (2) L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 jistabbilixxi lista tal-Unjoni ta' addittivi tal-ikel li huma approvati għall-użu fl-ikel, fl-enżimi tal-ikel, fl-aromatizzanti u fin-nutrijenti, u l-kundizzjonijiet tal-użu tagħhom.
- (3) Dawn il-listi jistgħu jiġu aġġornati skont il-proċedura komuni msemmija fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (²), jew fuq inizjattiva tal-Kummissjoni jew inkella wara li ssir applikazzjoni għal dan.
- (4) Il-lista tal-Unjoni ta' addittivi tal-ikel ġiet stabbilita abbażi tal-addittivi tal-ikel permessi għall-użu fl-ikel skont id-Direttivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 94/35/KE (³), 94/36/KE (⁴) u 95/2/KE (⁵) u wara li ġiet analizzata l-konformità tagħhom mal-Artikoli 6, 7 u 8 tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008. Il-lista tal-Unjoni tinkludi l-addittivi tal-ikel abbażi tal-kategoriji tal-ikel li magħhom jistgħu jiż-żejjed.
- (5) Minħabba d-diffikultajiet li nħolqu matul it-trasferiment tal-addittivi tal-ikel għas-sistema l-ġdida ta' kategorizzazzjoni prevista fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008, ġew identifikati ċerti żbalji li għandhom jiġu kkoreġuti, filwaqt li xi dispożizzjonijiet oħra jn iridu jiġu kkjarifikati aktar.
- (6) L-Anness II ma jelenkax il-forom differenti li fihom jista' jintuża l-addittiv tal-ikel, pereżempju s-Sorbitoli (E 420) jeżistu fil-forma ta' Sorbitol (E 420(i)) jew xropp tas-Sorbitol (E 420(ii)); iċ-Ċitrati tas-sodju (E 331) jeżistu

(¹) ĠUL 354, 31.12.2008, p. 16.

(²) Ir-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi tal-ikel, l-enżimi tal-ikel u l-aromatizzanti tal-ikel (ĠUL 354, 31.12.2008, p. 1).

(³) Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 94/35/KE tat-30 ta' Ġunju 1994 dwar is-sustanzi li jagħtu ħlewwa għall-użu f'oġġetti tal-ikel (ĠUL 237, 10.9.1994, p. 3).

(⁴) Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 94/36/KE tat-30 ta' Ġunju 1994 dwar il-kuluri għall-użu fl-ikel (ĠUL 237, 10.9.1994, p. 13).

(⁵) Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 95/2/KE tal-20 ta' Frar 1995 dwar l-addittivi tal-ikel għajr kuluri u sostanzi li jagħtu ħlewwa (ĠUL 61, 18.3.1995, p. 1).

fil-forma ta' Ċitrat monosodiku (E 331(i)), ta' Ċitrat disodiku (E 331(ii)) u ta' Ċitrat trisodiku (E 331(iii)). Dawn il-forom huma spċifikati fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 (¹). Għandu jiġi kkjarifikat li jistgħu jintużaw dawn il-forom differenti tal-addittivi tal-ikel li huma awtorizzati.

- (7) Il-Kantaksantin (E 161 g) ma għandux jinbiegħ direktament lill-konsumaturi. Għalhekk, għandu jiġi emendat il-punt 5 tat-Taqsima 2 tal-parti A tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008.
- (8) Il-Konjac (E 425) ma għandux jintuża biex jiġi prodott l-ikel deidratat maħsub biex jerġa' jiġi idratat waqt l-inġestjoni. Għalhekk, fl-entrata E 425 fil-Grupp I tat-Taqsima 1 tal-parti C tal-Anness II, għandha tiddaħħal in-nota f'qiegħ il-paġna (2).
- (9) Fil-kategoriji tal-ikel 01.7.2: "Ġobon misjur" u 01.7.6 "Prodotti tal-ġobon (minbarra prodotti fil-kategorija 16)", għandu jiġi kkjarifikat li n-Natamiċina (E 235) tista' tintuża biss għat-trattament estern ta' ġobnijiet u prodotti mhux maqtugħha.
- (10) Għandu jittieħed approċċ konsistenti dwar it-test tan-noti f'qiegħ il-paġna li jirreferi għal-limiti massimi tal-aluminju li ġej mill-koloranti tal-aluminju introdotti bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 380/2012 (²). Għandha tiġi inkluża s-sentenza "Ma jistgħux jintużaw koloranti tal-aluminju oħra" fin-noti kollha f'qiegħ il-paġna li jirreferu għal addittivi tal-ikel spċifici fil-kategoriji: 01.7.3: "Qoxra tal-ġobon li tittiekel", 01.7.5: "Ġobon ipproċċessat", 04.2.5.2: "Għamm, ġelatini u marmellati u puree tal-qastan bil-ħlewwa kif definiti fid-Direttiva 2001/113/KE", 08.2: "Preparati tal-laħam kif iddefiniti fir-Regolament (KE) Nru 853/2004", 08.3.1: "Prodotti tal-laħam mingħajr trattament ta' sħana", 08.3.2 "Prodotti tal-laħam trattati bis-sħana", 08.3.3 "Kisi ta' protezzjoni u kisjiet u tiżżejjen għal-laħam" u 09.3: "Bajd tal-ħut".
- (11) Fil-kategorija 02.1: "Xaħmijiet u żjut essenzjalment liberi mill-ilma (minbarra xaħam tal-ħalib anidru)", ċerti addittivi ma għandhomx jintużaw fiż-żjut verġni u fiż-żejt taż-żebugħa.
- (12) Fil-kategorija 04.2.3: "Frott u ħxejjex fil-laned u fil-fliexken", id-Diossidu tal-kubrit — sulfiti (E 220 - 228) jistgħu jintużaw fil-faqqiegħ ipproċċessat.
- (13) Fil-kategorija tal-ikel 05.2: "Ħlewwiet oħra inkluż ħelu żgħir li jiffriska n-nifs" u fil-kategorija tal-ikel 05.4: "Tiżżejjen, kisi u mili, ħlief mili abbażi tal-frott kopert mill-kategorija 4.2.4", il-livell massimu ta' Neotam (E 961) użat bħala addittiv biex it-ejjeb it-togħma fil-ħlewwiet ibbażati fuq il-lamtu għandu jkun ta' 3 mg/kg.
- (14) Fil-kategorija tal-ikel 05.4: "Tiżżejjen, kisi u mili, ħlief mili abbażi tal-frott kopert mill-kategorija 4.2.4", l-acċidu ċiklamiku u l-imluħa Na u Ca tiegħu (E 952) jistgħu jintużaw fil-bottijiet tal-isprej tal-krema bit-togħma.
- (15) Fil-kategorija tal-ikel 06.4.4: "Njokki tal-patata", l-addittivi fin-njokki tal-patata friski u mpoġġiġin fil-friġġ għandhom ikunu ristretti għal għadd limitat ta' addittivi li jaqgħu taħt il-Grupp I.
- (16) Fil-kategorija tal-ikel 07.2: "Prodotti fini tal-forn", għandu jiġi kkjarifikat l-użu tad-Diossidu tal-kubrit — sulfiti (E 220 - 228).
- (17) Fil-kategorija tal-ikel 08.2: "Preparati tal-laħam kif iddefiniti fir-Regolament (KE) Nru 853/2004", l-entrata għall-Aċetat tal-potassju (E 261) għandha tiġi kkoreġuta biex tirreferi għal Aċetati tal-potassju.
- (18) Fil-kategorija tal-ikel 08.3.1: "Prodotti tal-laħam mingħajr trattament ta' sħana", għandhom jitħassru l-entrati doppji għall-Aċidu eritorbiku (E 315) u l-Eritorbat tas-sodju (E 316).
- (19) Fil-kategoriji tal-ikel 08.2: "Preparati tal-laħam kif iddefiniti fir-Regolament (KE) Nru 853/2004", 08.3.1: "Prodotti tal-laħam mingħajr trattament ta' sħana", 08.3.2: "Prodotti tal-laħam trattati bis-sħana" u 08.3.4: "Prodotti tal-laħam ikkurati tradizzjonally b'dispożizzjonijiet spċifici li jikkonċernaw in-nitriti u n-nitriti", għandha tiġi kkjarifikata l-espressjoni tal-livelli massimi ta' Nitriti (E 249 - 250) u/jew ta' Nitriti (E 251 - 252).
- (20) Fil-kategorija tal-ikel 08.3.2: "Prodotti tal-laħam trattati bis-sħana", għandu jkun permess l-użu ta' Gallati, TBHQ u BHA (E 310 - 320) fil-laħam deidratat.

(¹) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 tad-9 ta' Marzu 2012 li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għall-addittivi tal-ikel elenkti fl-Annexi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 83, 22.3.2012, p. 1).

(²) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 380/2012 tat-3 ta' Mejju 2012 li jemenda l-Annex II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kondizzjonijiet ta' użu u l-livell ta' użu għall-addittivi tal-ikel li fihom l-aluminju (ĠU L 119, 4.5.2012, p. 14).

- (21) Fil-kategorija tal-ikel 08.3.3: "Kisi ta' protezzjoni u kisjet u tiżjin għal-laħam", in-numru tan-nota f'qiegħ il-paġna (80) għandu jiġi kkoreġut għal (89).
- (22) Fil-kategorija tal-ikel 08.3.4.2: "Prodotti kkurati niexfa tradizzjonali", il-livell massimu tan-nitriti (E 249 - 250) għandu jiddaħħal mill-ġdid għall-jamón curado, paleta curada, lomo embuchado u cecina u għal prodotti simili għalihom.
- (23) Fil-kategoriji tal-ikel 09.1.2: "Molluski u krustaċi mhux ipproċessati" u 09.2: "Ħut u prodotti tal-ħut ipproċessati inklużi molluski u krustaċi", għandu jiġi kkjarifikat li l-unitajiet li fuqhom jiddependu l-limiti massimi tad-Diossidu tal-kubrit u s-Sulfiti (E 220 - 228) huma espressi għal kull kilogramma, u n-nota f'qiegħ il-paġna relatata mal-4-Eżilreżorċinol (E 586) għandha tiġi kkjarifikata u kkoreġuta.
- (24) Fil-kategorija tal-ikel 09.2: "Ħut u prodotti tal-ħut ipproċessati inklużi molluski u krustaċi", l-użu tad-Diossidu tat-titanju (E 171) u tal-Ossidi u l-idrossidi tal-ħadid (E 172) għandu jkun limitat għall-ħut affumikat.
- (25) Fil-kategorija tal-ikel 09.2: "Ħut u prodotti tal-ħut ipproċessati inklużi molluski u krustaċi", għandu jiġi kkjarifikat li l-livell massimu tal-Aċċidu sorbiku — sorbati; u tal-Aċċidu benżoju — benżoati (E 200 - 213), jaapplika għall-addittivi waħedhom jew imħallta flimkien u għas-somma, u li l-livell huwa espress bħala aċċidu liberu.
- (26) Fil-kategorija 10.2: "Bajd u prodotti tal-bajd ipproċessati", il-livell massimu taċ-Ċitra tat-trietil (E 1505) għandu jaapplika biss għall-abjad tal-bajd immixxef.
- (27) Fil-kategoriji tal-ikel 14.2.7.1: "Inbid Aromatizzat" u 14.2.7.2: "Xarbiet abbażi ta' nbid aromatizzat", l-użu ta' kuluri li jagħmlu parti mill-Gruppi II u III għandhom jiġu kkoreġuti skont l-użi tal-kuluri permessi fid-Direttiva 94/36/KE.
- (28) Fil-kategorija tal-ikel 17.1: "Supplimenti tal-ikel ipprovduti fforma solida inklużi kapsuli u pilloli u forom simili, minbarra fforom li jistgħu jintmagħdu", in-numru tan-nota f'qiegħ il-paġna (79) għandu jinbidel u jiddaħħal fl-entrata għall-addittiv tal-ikel Dimetilpolisilossan (E 900).
- (29) Fil-Parti 4 tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008, intitolata "Addittivi tal-ikel inklużi l-carriers fl-aromatizzanti tal-ikel", il-limiti massimi tal-gomma Għarbiya modifikata b'aċċidu Ottenilsuċċiniku (E 423) għandhom jaapplikaw għall-ikel finali. Fil-Parti 6, intitolata "Definizzjonijiet tal-gruppi tal-addittivi tal-ikel għall-finijiet tal-Partijiet 1 sa' 5", fit-Tabella 7, intitolata "Aċċidu alġiniku — alġinati", għandu jiġi inkluż l-Alġinat tal-kalċju (E 404).
- (30) Skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008, il-Kummissjoni għandha titlob l-opinjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-ikel ("l-Awtorità") sabiex taġġorna l-lista tal-Unjoni tal-addittivi tal-ikel stipulata fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008, għajnej meta l-aġġornament inkwistjoni ma jkunx mistenni jħalli effett fuq is-saħħa tal-bniedem. Minħabba li l-lista tal-Unjoni qed tigħi emendata sabiex tħalli l-użi ta' addittivi li huma digħi permessi skont id-Direttiva 94/35/KE, id-Direttiva 94/36/KE u d-Direttiva 95/2/KE, din l-emenda tikkostitwixxi aġġornament ta' din il-lista li x'aktarx mhux se jħalli effett fuq is-saħħa tal-bniedem. Għaldaqstant, m'hemmx bżonn tintalab l-opinjoni tal-Awtorità.
- (31) Għalhekk, l-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 għandhom jiġu emendati u kkoreġuti skont dan.
- (32) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Animali, l-Ikel u l-Għalf,

#### ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 huwa emendat skont l-Anness I ta' dan ir-Regolament.

#### Artikolu 2

L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 huwa emendat skont l-Anness II ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikkazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' April 2015.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

---

## ANNESS I

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 huwa emendat kif ġej:

I. Il-Parti A hija emendata kif ġej:

(1) Fit-TaqSIMA 1, l-ewwel inċiż jinbidel b'dan li ġej:

— l-isem tal-addittiv tal-ikel u n-numru E tiegħu; bħala alternattiva jistgħu jintużaw numri E u ismijiet aktar spċifici elenkti fir-Regolament (UE) Nru 231/2012 (\*), għajr is-sinonimi, jekk l-addittivi tal-ikel imsemmija jkunu ġew tassep miżjudha ma' ċertu ikel.

(\*). Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 tad-9 ta' Marzu 2012 li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għall-addittivi tal-ikel elenkti fl-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 83, 22.3.2012, p. 1).

(2) Fit-TaqSIMA 2, il-punt 1 jinbidel b'dan li ġej:

“1. Is-sustanzi elenkti fil-Parti B biss, kif spċifikat fir-Regolament (UE) Nru 231/2012, jistgħu jintużaw bħala addittivi tal-ikel, sakemm ma jkunx spċifikat mod ieħor fil-Parti E.”

(3) Fit-TaqSIMA 2, il-punt 5 jinbidel b'dan li ġej:

“5. Il-kuluri E 123, E 127, E 160b, E 161 g, E 173 u E 180 u t-taħlitiet tagħhom ma jistgħux jinbiegħu direttament lill-konsumaturi.”

II. Fil-Grupp I tat-TaqSIMA 1 tal-Parti C, l-entrata għall-addittiv E 425 tinbidel b'dan li ġej:

“E 425	Konjac (i) Gomma tal-konjac (ii) Konjac glukomannan	10 g/kg, individwalment jew ikkombinat (!) (?) (?)”
--------	---	---

III. Il-Parti E hija emendata kif ġej:

(1) Fil-kategorija 01.7.2 — “Ġobon misjur”, l-entrata għall-addittiv E 235 hija emendata kif ġej:

(a) l-entrata għall-addittiv E 235 tinbidel b'dan li ġej:

“E 235	Natamiċina	1 mg/dm <sup>2</sup> superfċjali (mhux preżenti ffond ta' 5 mm)	għat-trattament estern ta' ġobon iebes, semiiebes u se-miartab mhux maqtugħ biss”
--------	------------	---	---

(b) titħassar in-nota f'qiegħ il-paġna nru 8.

(2) Fil-kategorija 01.7.3 — “Qoxra tal-ġobon li tittiekel”, in-nota f'qiegħ il-paġna nru 67 tinbidel b'dan li ġej:

“(67): Limitu massimu tal-aluminju li ġej mill-koloranti tal-aluminju ta' E 120 koċineal, aċċidu karminiku, karminji u E 180 litolrubina BK ta' 10 mg/kg. Ma jistgħux jintużaw koloranti tal-aluminju oħra. Għall-finijiet tal-Artikolu 22(1)(g) ta' dan ir-Regolament, dan il-limitu għandu japplika mill-1 ta' Frar 2013.”

(3) Fil-kategorija 01.7.5 — “Ġobon ipproċessat”, in-nota f'qiegħ il-paġna nru 66 tinbidel b'dan li ġej:

“(66): Limitu massimu tal-aluminju li ġej mill-koloranti tal-aluminju ta' E 120 koċineal, aċidu karminiku, karminji ta' 1,5 mg/kg. Ma jistgħux jintużaw koloranti tal-aluminju oħra. Għall-finijiet tal-Artikolu 22(1)(g) ta' dan ir-Regolament, dan il-limitu għandu japplika mill-1 ta' Frar 2013.”

(4) Fil-kategorija 01.7.6 — “Prodotti tal-ġobon (minbarra prodotti fil-kategorija 16)”, l-entrata għall-addittiv E 235 tinbidel b'dan li ġej:

	“E 235	Natamiċina	1 mg/dm <sup>2</sup> superfċjali (mhux preżenti ffond ta' 5 mm)		għat-trattament estern ta' prodotti ta' ġobon mhux maqtugħ, iebes, semiiebes u semiartab mhux maqtugħ biss”
--	--------	------------	--	--	---

(5) Il-kategorija 02.1 — “Xaħmijiet u żjut essenzjalment liberi mill-ilma (minbarra xaħam tal-ħalib anidru)” hija emendata kif ġej:

(a) l-entrata għall-addittiv E 270 tinbidel b'dan li ġej:

	“E 270	Aċidu lattiku	quantum satis		għal skopijiet ta' tisjir u/jew ta' qali biss jew għall-preparazzjoni ta' grejvi, ħliet għaż-żjut verġni u għaż-żjut taż-żebbuġa”
--	--------	---------------	---------------	--	---

(b) l-entrata għall-addittiv E 300 tinbidel b'dan li ġej:

	“E 300	Aċidu askorbiku	quantum satis		għal skopijiet ta' tisjir u/jew ta' qali biss jew għall-preparazzjoni ta' grejvi, ħliet għaż-żjut verġni u għaż-żjut taż-żebbuġa”
--	--------	-----------------	---------------	--	---

(c) l-entrata għall-addittiv E 472c tinbidel b'dan li ġej:

	“E 472c	Esteri tal-aċidu ċitriku ta' monogliċeridi u digliċeridi ta' aċidi xaħmin	quantum satis		għal skopijiet ta' tisjir u/jew ta' qali biss jew għall-preparazzjoni ta' grejvi, ħliet għaż-żjut verġni u għaż-żjut taż-żebbuġa”
--	---------	---	---------------	--	---

(6) Fil-kategorija 04.2.3 — “Frott u ħxejjex fil-laned u fil-fliexken”, l-ewwel entrata għall-addittivi E 220 — 228 tinbidel b'dan li ġej:

	“E 220 - 228	Diossidu tal-kubrit — sulfiti	50	(3)	ħxejjex bojod biss, inklużi l-legumi u l-faqqiegħ ipprocressat”
--	--------------	-------------------------------	----	-----	---

(7) Fil-kategorija 04.2.5.2 — “Ġamm, ġelatini u marmellati u puree tal-qastan bil-ħlewwa kif definiti fid-Direttiva 2001/113/KE”, in-nota f'qiegħ il-paġna nru 66 tinbidel b'dan li ġej:

“(66): Limitu massimu tal-aluminju li ġej mill-koloranti tal-aluminju ta' E 120 koċineal, aċidu karminiku, karminji ta' 1,5 mg/kg. Ma jistgħux jintużaw koloranti tal-aluminju oħra. Għall-finijiet tal-Artikolu 22(1)(g) tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 dan il-limitu għandu japplika mill-1 ta' Frar 2013.”

(8) Fil-kategorija 05.2 — “Ħlewwiet oħra inkluż ħelu żgħir li jiffriska n-nifs”, il-ħames entrata għall-addittiv E 961 tinbidel b'dan li ġej:

	“E 961	Neotam	3		ħlewwiet abbażi tal-lamtu biss b'enerġija mnaqqa jew mingħajr zokkor miżjud, bħala addittiv biex it-togħma”
--	--------	--------	---	--	---

(9) Il-kategorija 05.4 — “Tiżjin, kisi u mili, hlied mili abbażi tal-frott kopert mill-kategorija 4.2.4” hija emendata kif ġej:

- (a) it-tieni entrata għall-addittiv E 961 tinbidel b'dan li ġej:

	“E 961	Neotam	3		ħlewwiet abbażi tal-lamtu biss b'enerġija mnaqqa jew mingħajr zokkor miżjud, bħala addittiv biex it-togħma”
--	--------	--------	---	--	---

(b) tiddaħħal l-entrata l-ġidida E 952 li ġejja wara l-entrata għall-addittiv E 951:

	“E 952	Aċidu ċiklamiku u l-imluħa Na u Ca tie-għu	250	(51)	bottijiet tal-isprej tal-krema bit-togħma biss b'enerġija mnaqqa jew mingħajr zokkor miżjud”
--	--------	--	-----	------	--

(10) Il-kategorija 06.4.4 — “Njokki tal-patata” hija emendata kif ġej:

- (a) l-entrata għall-Grupp I tinbidel b'dan li ġej:

	“Grupp I	Addittivi			ħlied għan-njokki tal-patata friski u mpoġġijin fil-friġġ”
--	----------	-----------	--	--	--

(b) jiddaħħlu l-entrati l-ġodda li ġejjin wara l-entrata għall-addittivi E 200-203:

	“E 270	Aċidu lattiku	quantum satis		njokki tal-patata friski u mpoġġijin fil-friġġ biss
	E 304	Esteri tal-ċiċidi xaħmin tal-ċiċidi askorbiku	quantum satis		njokki tal-patata friski u mkessħin biss
	E 330	Aċidu ċitriku	quantum satis		njokki tal-patata friski u mkessħin biss
	E 334	Aċidu tartariku (L(+)-)	quantum satis		njokki tal-patata friski u mkessħin biss
	E 471	Monogliceridi u digliċeridi ta' aċċidi xah-min	quantum satis		njokki tal-patata friski u mkessħin biss”

(11) Il-kategorija 07.2 — “Prodotti fini tal-forn” hija emendata kif ġej:

- (a) l-entrata għall-addittiv E 220 — 228 tinbidel b'dan li ġej:

	“E 220 - 228	Diossidu tal-kubrit — sulfiti	50	(3)	gallettini xotti biss”
--	--------------	-------------------------------	----	-----	------------------------

(b) tiddaħħal in-nota f'qiegħ il-paġna nru 3 li ġejja wara n-nota f'qiegħ il-paġna nru 2:

“(3): Il-livelli massimi huma espressi bħala SO<sub>2</sub> u huma għall-kwantità totali disponibbi mis-sorsi kollha; mhux se jitqies li jkun hemm SO<sub>2</sub> jekk il-kontenut tiegħu jkun ta’ inqas minn 10 mg/kg jew minn 10 mg/l.”

(12) Il-kategorija 08.2 — “Preparati tal-laħam kif iddefiniti fir-Regolament (KE) Nru 853/2004” hija emendata kif ġej:

(a) l-entrati għall-addittivi E 249 — 250 u E 261 jinbidlu b'dan li ġej:

	“E 249 - 250	Nitriti	150	(7)	<i>lomo de cerdo adobado, pincho moruno, caretta de cerdo adobada, costilla de cerdo adobada, Kasseler, Bräte, Surfleisch, toorvorst, šašlōkk, ahjupraad, kiełbasa surowa biała, kiełbasa surowa metka, u tatar wołowy (danie tatarskie) biss</i>
	E 261	Aċetati tal-potassju	quantum satis		preparati tal-laħam ikkapuljat frisk ippakkjat minn qabel u preparati tal-laħam li fihom jiżdiedu ingredjenti oħra minbarra l-addittivi jew il-melħ biss”

(b) In-nota f'qiegħ il-paġna nru 7 tinbidel b'dan li ġej:

“(7): Ammont massimu li jista’ jiżdied waqt il-manifattura, espress bħala NaNO<sub>2</sub> jew NaNO<sub>3</sub>”

(c) titħassar in-nota f'qiegħ il-paġna nru 7

(d) In-nota f'qiegħ il-paġna nru 66 tinbidel b'dan li ġej:

“(66): Limitu massimu tal-aluminju li ġej mill-koloranti tal-aluminju ta’ E 120 koċineal, aċidu karminiku, karminji ta’ 1,5 mg/kg. Ma jistgħux jintużaw koloranti tal-aluminju oħra. Għall-finijiet tal-Artikolu 22(1)(g) ta’ dan ir-Regolament, dan il-limitu għandu japplika mill-1 ta’ Frar 2013.”

(13) Il-kategorija 08.3.1 — “Prodotti tal-laħam mingħajr trattament ta’ sħana” hija emendata kif ġej:

(a) jitħassru l-entrati li ġejjin għall-addittivi E 315 u E 316:

	“E 315	Aċidu eritorbiku	500		prodotti tal-laħam ikkurati u prodotti tal-laħam ippreservati
	E 316	Eritorbat tas-sodju	500		prodotti tal-laħam ikkurati u prodotti tal-laħam ippreservati”

(b) In-nota f'qiegħ il-paġna nru 7 tinbidel b'dan li ġej:

“(7): Ammont massimu li jista’ jiżdied waqt il-manifattura, espress bħala NaNO<sub>2</sub> jew NaNO<sub>3</sub>”

(c) In-nota f'qiegħ il-paġna nru 66 tinbidel b'dan li ġej:

“(66): Limitu massimu tal-aluminju li ġej mill-koloranti tal-aluminju ta’ E 120 koċineal, aċidu karminiku, karminji ta’ 1,5 mg/kg. Ma jistgħux jintużaw koloranti tal-aluminju oħra. Għall-finijiet tal-Artikolu 22(1)(g) ta’ dan ir-Regolament, dan il-limitu għandu japplika mill-1 ta’ Frar 2013.”

(14) Il-kategorija 08.3.2 — “Prodotti tal-laħam trattati bis-sħana” hija emendata kif ġej:

(a) tiddaħħal l-entrata l-ġdida E 310 — 320 li ġejja wara l-entrata għall-addittiv E 316:

	“E 310 - 320	Gallati, TBHQ u BHA	200	(1) (13)	laħam deidratat biss”
--	--------------	---------------------	-----	----------	-----------------------

(b) In-nota f'qiegħ il-paġna nru 7 tinbidel b'dan li ġej:

“(7): Ammont massimu li jista' jiżdied waqt il-manifattura, espress bħala NaNO<sub>2</sub> jew NaNO<sub>3</sub>”

(c) tiddaħħal in-nota f'qiegħ il-paġna nru 13 li ġejja wara n-nota f'qiegħ il-paġna nru 9:

“(13): Il-limitu massimu espress bħala xaħam”

(d) In-nota f'qiegħ il-paġna nru 66 tinbidel b'dan li ġej:

“(66): Limitu massimu tal-aluminju li ġej mill-koloranti tal-aluminju ta' E 120 koċineal, aċidu karminiku, karminji ta' 1,5 mg/kg. Ma jistgħux jintużaw koloranti tal-aluminju oħra. Għall-finijiet tal-Artikolu 22(1)(g) ta' dan ir-Regolament, dan il-limitu għandu japplika mill-1 ta' Frar 2013.”

(15) Il-kategorija 08.3.3 — “Kisi ta' protezzjoni u kisjiet u tiżżejjen għal-laħam”, hija emendata kif ġej:

(a) l-entrata għall-addittiv E 339 tinbidel b'dan li ġej:

	“E 339	Fosfati tas-sodju	12 600	(4) (89)	fil-kisi naturali għaż-żlazet biss”
--	--------	-------------------	--------	----------	-------------------------------------

(b) in-nota f'qiegħ il-paġna nru 78 tinbidel b'dan li ġej:

“(78): Limitu massimu tal-aluminju li ġej mill-koloranti tal-aluminju ta' E 120 koċineal, aċidu karminiku, karminji ta' 10 mg/kg. Ma jistgħux jintużaw koloranti tal-aluminju oħra. Għall-finijiet tal-Artikolu 22(1)(g) ta' dan ir-Regolament, dan il-limitu għandu japplika mill-1 ta' Frar 2013.”

(c) In-nota f'qiegħ il-paġna nru 80 tinbidel b'dan li ġej:

“(89): It-trasferiment fil-prodott finali ma għandux jaqbeż il-250 mg/kg”

(16) Il-kategorija 08.3.4.1 — “Prodotti tradizzjoni kukturati bl-immersjoni (Prodotti tal-laħam ikkurati bl-immersjoni f'soluzzjoni li tikkura li tinkludi nitriti u/jew nitrati, melħ u komponenti oħra)” hija emendata kif ġej:

(a) in-nota f'qiegħ il-paġna nru 7 tinbidel b'dan li ġej:

“(7): Ammont massimu miżjud, espress bħala NaNO<sub>2</sub> jew NaNO<sub>3</sub>”

(b) in-nota f'qiegħ il-paġna nru 39 tinbidel b'dan li ġej:

“(39): Ammont massimu ta' residwu, il-livell ta' residwu fi tmiem il-proċess ta' produzzjoni, espress bħala NaNO<sub>2</sub> jew NaNO<sub>3</sub>”

(17) Il-kategorija 08.3.4.2 — “Prodottikkurati niekfa tradizzjonali. (Il-proċess tal-ikkurar jinvolvi l-applikazzjoni niekfa ta’ taħlita għall-ikkurar li jkun fiha nitriti u/jew nitrati, melħ u komponenti oħra mal-wiċċi tal-laħam u wara jkun hemm perjodu ta’ stabilizzazzjoni/maturazzjoni”, hija emendata kif ġej:

(a) it-tielet entrata għall-addittiv E 249 — 250 tinbidel b’dan li ġej:

	“E 249 - 250	Nitriti	100	(39)	<b>presunto, presunto da pa u paio do lombo u prodotti simili biss:</b> Kura bil-melħ u bit-tnejx għal bejn 10 ijiem u 15-il jum segwita minn perjodu ta’ stabilizzazzjoni ta’ bejn 30 u 45 ġurnata u perjodu ta’ maturazzjoni ta’ mill-inqas xahrejn; <b>jamón curado, paleta curada, lomo embuchado u cecina u prodotti simili:</b> Kura bil-melħ u bit-tnejx b’perjodu ta’ stabilizzazzjoni ta’ mill-inqas 10 ijiem u perjodu ta’ maturazzjoni ta’ aktar minn 45 ġurnata.”
--	--------------	---------	-----	------	---

(b) in-nota f’qiegħ il-paġna nru 39 tinbidel b’dan li ġej:

“(39): Ammont massimu ta’ residwu, il-livell ta’ residwu fi tmiem il-proċess ta’ produzzjoni, espress bħala NaNO<sub>2</sub> jew NaNO<sub>3</sub>”

(18) Il-kategorija 08.3.4.3 — “Prodottikkurati b’mod tradizzjonali. (Proċessi ta’ immersjoni u ta’ kkurar niekex użati flimkien jew meta nitrit u/jew nitrat jiġi inkluż fi prodott kompost jew meta s-soluzzjoni għall-ikkurar tiġi injettata fil-prodott qabel ma jissajjar”, hija emendata kif ġej:

(a) in-nota f’qiegħ il-paġna nru 7 tinbidel b’dan li ġej:

“(7): Ammont massimu miżjud, espress bħala NaNO<sub>2</sub> jew NaNO<sub>3</sub>”

(b) in-nota f’qiegħ il-paġna nru 39 tinbidel b’dan li ġej:

“(39): Ammont massimu ta’ residwu, il-livell ta’ residwu fi tmiem il-proċess ta’ produzzjoni, espress bħala NaNO<sub>2</sub> jew NaNO<sub>3</sub>”

(19) Il-kategorija 09.1.2: “Molluski u krustaċji mhux ipproċessati”, hija emendata kif ġej:

(a) l-entrati għall-addittivi E 220 — 228 u E 586 jinbidlu b’dan li ġej:

	“E 220 - 228	Diossidu tal-kubrit — sulfiti	150	(3) (10)	krustaċji u ċefalopodi friski, iffriżati u ffriżati f’temperatura baxxa ħafna biss; krustaċji tal-familji Penaeidae, Solenoceridae u Aristaeidae, sa 80 unità għal kull kg
	E 220 - 228	Diossidu tal-kubrit — sulfiti	200	(3) (10)	krustaċji tal-familji Penaeidae, Solenoceridae u Aristaeidae biss, bejn 80 u 120 unità għal kull kg
	E 220 - 228	Diossidu tal-kubrit — sulfiti	300	(3) (10)	krustaċji tal-familji Penaeidae, Solenoceridae u Aristaeidae biss, aktar minn 120 unità għal kull kg
	E 586	4-Ežilreżorċinol	2	(90)	krustaċji friski, iffriżati jew iffriżati f’temperatura baxxa ħafna biss”

(b) in-nota f'qiegħ il-paġna nru 42 tinbidel b'dan li ġej:

“(90): Bħala residwu fil-laħam”

(20) Il-kategorija 09.2: “Ħut u prodotti tal-ħut ipproċessati inklużi molluski u krustacjji” hija emendata kif ġej:

(a) it-tielet entrata għall-addittiv E 171 tinbidel b'dan li ġej:

	“E 171	Diossidu tat-titanju	quantum satis		ħut iffumigat biss”
--	--------	----------------------	---------------	--	---------------------

(b) it-tieni entrata għall-addittiv E 172 tinbidel b'dan li ġej:

	“E 172	Ossidi u idrossidi tal-ħadid	quantum satis		ħut iffumigat biss”
--	--------	------------------------------	---------------	--	---------------------

(c) it-tielet entrata għall-addittiv E 200 — 213 tinbidel b'dan li ġej:

	“E 200 - 213	Aċidu sorbiku — sorbati; Aċidu benżoju — benżoati	6 000	(1) (2)	Crangon crangon u Crangon vulgaris imsajrin biss”
--	--------------	---	-------	---------	---

(d) it-tieni entrata għall-addittiv E 220 — 228 tinbidel b'dan li ġej:

	“E 220 - 228	Diossidu tal-kubrit — sulfiti	135	(3) (10)	krustaċji msajrin tal-familji Penaeidae, Solenoceridae u Aristaeidae biss, sa 80 unità għal kull kg”
--	--------------	-------------------------------	-----	----------	--

(e) it-tielet entrata għall-addittiv E 220 — 228 tinbidel b'dan li ġej:

	“E 220 - 228	Diossidu tal-kubrit — sulfiti	180	(3) (10)	krustaċji msajrin tal-familji Penaeidae, Solenoceridae u Aristaeidae biss, bejn 80 u 120 unità għal kull kg”
--	--------------	-------------------------------	-----	----------	--

(f) il-ħames entrata għall-addittiv E 220 — 228 tinbidel b'dan li ġej:

	“E 220 - 228	Diossidu tal-kubrit — sulfiti	270	(3) (10)	krustaċji msajrin tal-familji Penaeidae, Solenoceridae u Aristaeidae biss, aktar minn 120 unità għal kull kg”
--	--------------	-------------------------------	-----	----------	---

(21) Fil-kategorija 09.3 — “Bajd tal-ħut”, in-nota f'qiegħ il-paġna nru 68 tinbidel b'dan li ġej:

“(68): Limitu massimu tal-aluminju li ġej mill-koloranti tal-aluminju ta' E 123 għobbejra ta' 10 mg/kg. Ma jistgħux jintużaw koloranti tal-aluminju oħra. Għall-finijiet tal-Artikolu 22(1)(g) ta' dan ir-Regolament, dan il-limitu għandu japplika mill-1 ta' Frar 2013.”

(22) Il-kategorija tal-ikel 10.2 — “Bajd u prodotti tal-bajd ipproċessati” hija emendata kif ġej:

- (a) titħassar l-ewwel entrata għall-addittiv E 1505;
- (b) it-tieni entrata għall-addittiv E 1505 tinbidel b'dan li ġej:

	“E 1505	Ċitrat tat-trietil	quantum satis		abjad tal-bajd imnixxef biss”
--	---------	--------------------	---------------	--	-------------------------------

(23) Il-kategorija tal-ikel 14.2.7.1 — “Inbid Aromatizzat” hija emendata kif ġej:

- (a) jitħassru l-entrati li ġejjin dwar il-Grupp II, il-Grupp III u l-addittivi tal-ikel E 104, E 110, E 124 u E 160d:

	“Grupp II	Kuluri fi <i>quantum satis</i>			Ħlief <i>americano, bitter vino</i>
	Grupp III	Kuluri b'limitu massimu kkombinat	200		Ħlief <i>americano, bitter vino</i>
	E 104	Isfar Kinolina	50	(61)	Ħlief <i>americano, bitter vino</i>
	E 110	Isfar Inżul ix-Xemx FCF/Isfar fl-Oranġo S	50	(61)	Ħlief <i>americano, bitter vino</i>
	E 124	Ponceau 4R, Koċineal Aħmar A	50	(61)	Ħlief <i>americano, bitter vino</i> ”
	E 160d	Likopene	10		

- (b) tiddaħħal l-entrata li ġejja għall-addittiv E 163 wara l-entrata għall-addittiv E 160d:

	“E 163	Antoċjani	quantum satis		<i>americano biss”</i>
--	--------	-----------	---------------	--	------------------------

(24) Il-kategorija tal-ikel 14.2.7.2 — “Xarbiet abbażi ta’ inbid aromatizzat” hija emendata kif ġej:

- (a) jitħassru l-entrati għall-Gruppi II u III u għall-addittiv E 160d;
- (b) l-entrati għall-addittiv E 104 jinbidlu b'dan li ġej:

	“E 104	Isfar Kinolina	50	(61)	bitter soda biss”
--	--------	----------------	----	------	-------------------

- (c) l-entrati għall-addittiv E 110 jinbidlu b'dan li ġej:

	“E 110	Isfar Inżul ix-Xemx FCF/Isfar fl-Oranġo S	50	(61)	bitter soda biss”
--	--------	---	----	------	-------------------

(d) I-entrati għall-addittiv E 124 jinbidlu b'dan li ġej:

	"E 124	Ponceau 4R, Koċineal Aħmar A	50	(61)	bitter soda biss"
--	--------	------------------------------	----	------	-------------------

(e) I-entrata għall-addittiv E 150a-d tinbidel b'dan li ġej:

	"E 150a-d	Karamelli	quantum satis		ħlief sangria, claria, zurra"
--	-----------	-----------	---------------	--	-------------------------------

(25) Il-kategorija 17.1 — "Supplimenti tal-ikel ipprovduti fforma solida inklużi kapsuli u pilloli u forom simili, minbarra fforom li jistgħu jintmagħdu", hija emendata kif ġej:

(a) I-entrata għall-addittiv E 900 tinbidel b'dan li ġej:

	"E 900	Dimetilpolisilossan	10	(91)	supplimenti tal-ikel fforma ta' pillola li tfexxex biss"
--	--------	---------------------	----	------	--

(b) in-nota f'qiegħ il-pażna nru 79 tinbidel b'dan li ġej:

"(91): Il-livell massimu japplika għas-suppliment tal-ikel maħlul lest għall-konsum meta mħallat ma' 200 ml ta' ilma"

## ANNESS II

L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 huwa emendat kif ġej:

- (1) Fil-Parti 4 "Additivi tal-ikel inklużi l-carriers fl-aromatizzanti tal-ikel", l-entrata għall-additiv E 423 "gomma Għarbija modifikata b'aċidu Ottenilsuċċiniku" tinbidel b'dan li ġej:

"E 423 gomma Għarbija modifikata b'aċidu Ottenilsuċċiniku	Emuljonijiet ta' żejt aromatiku użati fil-kategoriji 03: Silġ li jittiekel; 07.2: Prodotti fini tal-forn; 08.3: Laħam ipproċessat, tjur ipproċessat biss; 09.2: Hüt u prodotti tal-ħut ipproċessati inklużi molluski u krustacijsi u fil-kategorija 16: Deżerti minbarra prodotti koperti fil-kategoriji 1, 3 u 4.	500 mg/kg fl-ikel finali
	Emuljonijiet ta' żejt aromatiku użati fil-kategorija 14.1.4: Xarbiet bit-togħma, f'xarbiet bit-togħma li ma fihomx meraq tal-frott u fxarbet karbonizzati bit-togħma li fi-hom il-meraq tal-frott biss, u fil-kategorija 14.2: Xarbiet alkoħoliċi, inklużi prodotti simili mingħajr alkoħol u b'livell ta' alkoħol baxx	220 mg/kg fl-ikel finali
	Emuljonijiet ta' żejt aromatiku użati fil-kategorija 05.1: Prodotti tal-kawkaw u taċ-ċikkulata kif koperti mid-Direttiva 2000/36/KE, 05.2: Ħlewwiet oħra inkluż ħelu żgħir li jiffriska n-nifs, 05.4: Tiżjin, kisi u mili, ħlief mili abbażi tal-frott kopert mill-kategorija 4.2.4 u fil-kategorija 06.3: Ċereali tal-kolazzjon.	300 mg/kg fl-ikel finali
	Emuljonijiet ta' żejt aromatiku użati fil-kategorija 01.7.5: Għobon ipproċessat.	120 mg/kg fl-ikel finali
	Emuljonijiet ta' żejt aromatiku użati fil-kategorija 05.3: Ċuwingamm.	60 mg/kg fl-ikel finali
	Emuljonijiet ta' żejt aromatiku użati fil-kategorija 01.8: Analogi ta' prodotti tal-ħalib, inkluż whiteners tax-xorb; 04.2.5: Ġamm, ġelatini u marmellati u prodotti simili; 04.2.5.4: Butir tal-ġewż u pejsts tal-ġewż; 08.3: Prodotti tal-laħam; 12.5: Sopop u brodijiet, 14.1.5.2: Oħrajn, kafe li jinħall u te, u fikliet lesti biex jittieklu bbażati fuq iċ-ċereali biss.	240 mg/kg fl-ikel finali
	Emuljonijiet ta' żejt aromatiku użati fil-kategorija 10.2: Bajd u prodotti tal-bajd ipproċessati.	140 mg/kg fl-ikel finali
	Emuljonijiet ta' żejt aromatiku użati fil-kategorija 14.1.4: Xarbiet bit-togħma, ix-xarbiet bit-togħma mhux karbonizzati li fihom il-meraq tal-frott biss; fil-kategorija 14.1.2: Meraq tal-frott kif iddefinit mid-Direttiva tal-Kunsill 2001/112/KE u meraq tal-ħaxix, il-meraq tal-ħaxix biss u fil-kategorija 12.6: Zlazi, grejvi biss u zlazi hel-win biss.	400 mg/kg fl-ikel finali
	Emuljonijiet ta' żejt aromatiku użati fil-kategorija 15: Oġġetti mielħa u ikliet ħsief lesti biex jittieklu.	440 mg/kg fl-ikel finali

- (2) Fit-Tabella 7 tal-Parti 6, intitolata "Aċidu alġiniku — Alġinati", tiddaħħal l-entrata l-ġidha li ġejja għall-additiv E 404 wara l-entrata għall-additiv E 403:

"E 404	Alġinat tal-kalċju"
--------	---------------------

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/648

tal-24 ta' April 2015

**li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill  
f'dak li għandu x'jaqsam mat-tneħħija tas-sustanza aromatizzanti N-Etil (2E, 6Z)-nonadienammid**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1334/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar it-taħwiriet u ċerti ingredjenti tal-ikel bi proprijetajiet aromatizzanti għall-użu fl-ikel u fuq l-ikel u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1601/91, ir-Regolamenti (KE) Nru 2232/96 u (KE) Nru 110/2008 u d-Direttiva 2000/13/KE (¹), u b'mod partikolari l-Artikoli 11(3) u 25(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi tal-ikel, l-enżimi tal-ikel u l-aromatizzanti tal-ikel (²), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(4) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008 jistabbilixxi lista tal-Unjoni tat-taħwiriet u tal-materjali mis-sors approvati għall-użu fl-ikel u l-kundizzjonijiet tal-użu tagħhom.
- (2) Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 872/2012 (³) jadotta l-lista ta' sustanzi aromatizzanti u jintroduċiha fl-Anness I, il-Parti A, tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008.
- (3) Dik il-lista tista' tigħiġi aġġornata skont il-proċedura komuni msemmija fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008, jew fuq inizjattiva tal-Kummissjoni jew wara li Stat Membru jew parti interessata tagħmel talba għal dan.
- (4) Il-lista tal-Unjoni tat-taħwiriet u tal-materjali mis-sorsa fiha għadd ta' sustanzi li l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurta fl-ikel għadha ma temmitx l-evalwazzjoni tagħhom jew talbet dejta xjentifika addizzjonali sabiex tkun tista' tleсти l-evalwazzjoni tagħhom. Fil-każ ta' sustanza minnhom, jiġifieri n-N-Etil (2E, 6Z)-nonadienammid, il-persuni responsabbi għat-taqiegħid fis-suq ta' din is-sustanza aromatizzanti issa rtiraw din l-applikazzjoni. Għaldaqstant, dik is-sustanza aromatizzanti għandha titħieha mil-lista tal-Unjoni.
- (5) Għalhekk, il-Parti A tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008 għandha tigħiġi emendata kif xieraq.
- (6) L-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 873/2012 (⁴) jistabbilixxi miżuri ta' tranżizzjoni għall-ikel li fih dawn is-sustanzi aromatizzanti li jitqiegħdu fis-suq jew li jiġu ttikkettati skont il-liġi qabel it-22 ta' Ottubru 2014. Dawn il-miżuri ta' tranżizzjoni jistgħu ma jkunux bieżżejjed għall-ikel li għandu dawn is-sustanzi aromatizzanti li se jitneħħew mil-lista tal-Unjoni wara t-22 ta' Ottubru 2014. Għaldaqstant, għandu jiġu pprovdut perjodu addizzjonali ta' tranżizzjoni għall-ikel li fih in-N-Etil (2E, 6Z)-nonadienammid sabiex l-operaturi tan-negozji tal-ikel ikunu jistgħu jadattaw għar-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament.
- (7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-ikel u l-Għalf.

(¹) ĠUL 354, 31.12.2008, p. 34.

(²) ĠUL 354, 31.12.2008, p. 1.

(³) Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 872/2012 tal-1 ta' Ottubru 2012 li jadotta l-lista ta' sustanzi aromatizzanti stipulati bir-Regolament (KE) Nru 2232/96 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jintroduċiha fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1565/2000 u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/217/KE (ĠUL 267, 2.10.2012, p. 1).

(⁴) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 873/2012 tal-1 ta' Ottubru 2012 dwar miżuri tranżitorji li jirrigwardaw il-lista ta' taħwiriet u materjali mis-sors stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ĠU L 267, 2.10.2012, p. 162.

---

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-Parti A tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008 hija emendata skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Ikel li għandu s-sustanza aromatizzanti N-Etil (2E, 6Z)-nonadienammid (FL No. 16.094) u li jitqiegħed fis-suq jew ittikkettat skont il-liġi sa 6 xhur qabel wara d-data tad-dħul fis-seħħi ta' dan ir-Regolament, imma li ma jikkonformax mal-Parti A tal-Anness I tar-Regolament Nru 1334/2008, jista' jkun kummerċjalizzat sad-data tiegħu ta' durabbiltà minima jew sad-data tal-iskadenza.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħi fl-għoxrin jum wara dak tal-publikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' April 2015.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

---

ANNESS

Fil-Parti A tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008 għandha titħassar l-annotazzjoni li ġeja:

“16.094	N-Etil (2E, 6Z)-nonadienammid	608514-56-3	1 596				4	EFSA”
---------	-------------------------------	-------------	-------	--	--	--	---	-------

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/649

tal-24 ta' April 2015

**li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u l-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 rigward l-użu tal-L-lewċina bħala portatriċi għall-pilloli dolċifikanti għal fuq il-mejda**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel (¹), u b'mod partikolari l-Artikoli 10(3), 14 u 30(5) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi tal-ikel, l-enżimi tal-ikel u l-aromatizzanti tal-ikel (²), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(5) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 jistabbilixxi lista ta' addittivi tal-ikel tal-Unjoni approvati għall-użu fl-ikel, u l-kundizzjonijiet tal-użu tagħhom.
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 (³) jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għall-addittivi tal-ikel elenkti fl-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008.
- (3) Dawk il-listi jistgħu jiġu aġġornati skont il-proċedura komuni msemmija fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008, jew b'inizjattiva tal-Kummissjoni jew wara li titressaq applikazzjoni.
- (4) Fid-9 ta' Settembru 2010 tressqet applikazzjoni għal awtorizzazzjoni tal-użu tal-L-lewċina bħala portatriċi (raffurzant tal-pilloli) għall-pilloli dolċifikanti għal fuq il-mejda mill-Ġermanja fejn l-użu ta' din is-sustanza huwa awtorizzat. Din l-applikazzjoni saret disponibbli għall-Istati Membri skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008.
- (5) Hemm funżjoni u htiegħ teknoloġika għall-użu tal-L-lewċina fil-pilloli dolċifikanti għal fuq il-mejda. Il-L-lewċina titħallat b'mod omoġjenu mad-dolċifikanti qabel mal-pilloli jiġi ppressati mit-taħlita u tgħin biex jiġi ffurmati l-pilloli billi tiżgura li l-pilloli ma jibqħux imwahħħlin mal-għoddha li tippressa.
- (6) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-ikel ("l-Awtorità") evalwat is-sikurezza tal-amino aċċidi u sustanza relatati meta użati bħala addittivi mal-ikel u esprimiet l-opinjoni tagħha fid-29 ta' Novembru 2007 (⁴). L-Awtorità kkonkludiet li l-espożizzjoni tal-bniedem għall-amino aċċidi permezz tal-ikel hija oħla bħala kwantità mil-livelli antiċċipati ta' espożizzjoni mill-użu tagħhom bħala sustanzi aromatizzanti u li disgħa mis-sustanzi, inkluża l-L-lewċina, ma kinux ta' tħassib għas-sikurezza fil-livelli evalwati ta' konsum bħala sustanzi aromatizzanti.
- (7) Fl-applikazzjoni ntweri li anki konsum għoli ta' pilloli dolċifikanti ma jaqbix l-4 % tal-kwantità ta' konsum rrakkomandata għal-L-lewċina.
- (8) Għaldaqstant, huwa xieraq li l-użu tal-L-lewċina jiġi awtorizzat bħala portatriċi għall-pilloli dolċifikanti għal fuq il-mejda kif spċċifikat fl-Anness I ta' dan ir-Regolament u li E 641 ikun assenjat bħala n-numru-E għal dak l-addittiv tal-ikel.
- (9) L-ispeċifikazzjonijiet għal-L-lewċina għandhom jiġi inklużi fir-Regolament (UE) Nru 231/2012 meta tiġi inkluża għall-ewwel darba fl-elenki tal-Unjoni fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008. F'dan ir-rigward huwa xieraq li jitqiesu l-kriterji ta' puritā tal-Farmakopea Ewropea għal-L-lewċina.

(¹) ĠUL 354, 31.12.2008, p. 16.

(²) ĠUL 354, 31.12.2008, p. 1.

(³) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 tad-9 ta' Marzu 2012 li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għall-addittivi tal-ikel elenkti fl-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠUL 83, 22.3.2012, p. 1).

(⁴) EFSA Journal (2008) 870, 1-46.

- 
- (10) Għaldaqstant, ir-Regolamenti (KE) Nru 1333/2008 u (UE) Nru 231/2012 għandhom jiġu emendati skont dan.
  - (11) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Animali, l-Ikel u l-Għalf.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 huwa emendat skont l-Anness I ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

L-Anness tar-Regolament (UE) Nru 231/2012 huwa emendat skont l-Anness II ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikkazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' April 2015.

*Għall-Kummissjoni  
Il-President  
Jean-Claude JUNCKER*

---

## ANNESS I

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 huwa emendat kif ġej:

- (1) Fil-Parti B, fit-Taqsima 3 “L-addittivi ġħajr kuluri u sustanzi li jagħtu l-ħlewwa” l-entrata li ġejja tiddahħħal wara l-entrata għall-addittiv tal-ikel E 640:

“E 641	L-lewċina”		
--------	------------	--	--

- (2) Fil-Parti E, fil-kategorija tal-ikel 11.4.3 “sustanzi li jagħtu l-ħlewwa għal fuq il-mejda”, tiddahħħal l-entrata l-ġidida li ġejja wara l-entrata għall-addittiv tal-ikel E 640:

	“E 641	L-lewċina	50 000	
--	--------	-----------	--------	--

## ANNESS II

Fl-Anness tar-Regolament (UE) Nru 231/2012, tiddaħħal l-entrata li ġejja wara l-entrata għal E 640:

**E 641 L-LEWĊINA**

<b>Sinonimi</b>	Aċidu 2-amminożobutilaċetiku; Aċidu L-2-ammino-4-metililvaleriku; Aċidu alfa-amminożokaprojku; Aċidu (S)-2-Ammino-4-metilpentanojku; L-Leu
<b>Definizzjoni</b>	
Einecs	200-522-0
Numru CAS	61-90-5
Isem kimiku	L-Lewċina; Aċidu L-2-ammino-4-metilpentanojku
Formula kimika	C <sub>6</sub> H <sub>13</sub> NO <sub>2</sub>
Piż Molekolari:	131,17
Test	Kontenut mhux inqas minn 98,5 % u mhux iktar minn 101,0 % fuq il-bażi anidruża
<b>Deskrizzjoni</b>	Trab kristallin abjad jew kważi abjad jew laqx li jleqq
<b>Identifikazzjoni</b>	
Solubbiltà	Solubbli fl-ilma, fl-aċidu aċetiku, fl-HCl dilwit u fl-idrossidi u l-karbonati alkalini; kemxejn solubbli fl-etanol
Rotazzjoni speċifika	[α] <sub>D</sub> <sup>20</sup> bejn + 14,5° u + 16,5° (Soluzzjoni 4 % (bażi anidruża) f' 6N HCl)
<b>Purità</b>	
Telf fit-tnixxif	Mhux aktar minn 0,5 % (100 °C – 105 °C)
Irmied issulfat	Mhux aktar minn 0,1 %
Kloruri	Mhux aktar minn 200 mg/kg
Sulfati	Mhux aktar minn 300 mg/kg
Ammonju	Mhux aktar minn 200 mg/kg
Hadid	Mhux aktar minn 10 mg/kg
Arseniku	Mhux aktar minn 3 mg/kg
Ċomb	Mhux aktar minn 5 mg/kg
Merkurju	Mhux aktar minn 1 mg/kg"

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/650****tal-24 ta' April 2015**

**li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħnejjex**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (¹),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħnejjex u tal-frott u l-ħnejjex ipproċessati (²) u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negożjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urgwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissal-valuri standard għall-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.
- (2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-publikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-publikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' April 2015.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

*Jerzy PLEWA*

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

(¹) ĠUL 347, 20.12.2013, p. 671.

(²) ĠUL 157, 15.6.2011, p. 1.

## ANNESS

**Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ġertu frott u ħxejjex**

Kodiċi tan-NM	Kodiċi tal-pajjiż terz <sup>(l)</sup>	(EUR/100 kg)
0702 00 00	MA	89,6
	TN	464,3
	TR	94,0
	ZZ	216,0
0707 00 05	AL	67,1
	EG	191,6
	MA	176,1
	TR	125,6
0709 91 00	ZZ	140,1
	TR	209,1
	ZZ	209,1
	MA	121,8
0709 93 10	TR	142,8
	ZZ	132,3
	EG	50,8
	IL	60,6
0805 10 20	MA	58,5
	TN	55,7
	TR	70,3
	ZZ	59,2
0805 50 10	BO	97,3
	TR	68,6
	ZZ	83,0
	AR	87,8
0808 10 80	BR	96,1
	CL	146,7
	CN	83,8
	MK	30,8
	NZ	143,9
	US	218,7
	ZA	120,2
	ZZ	116,0
	AR	118,2
	CL	160,4
0808 30 90	ZA	113,8
	ZM	112,8
	ZZ	126,3

<sup>(l)</sup> In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ es-tern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji (ĠU L 328, 28.11.2012, p. 7). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/651****tal-24 ta' April 2015**

**dwar il-ħruġ tal-liċenzji tal-importazzjoni tar-ross skont il-kwoti tariffarji miftuħa għas-subperjodu ta' April 2015 permezz tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 1273/2011**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieg fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 188 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1273/2011 (²) fetaħ u pprovda għall-amministrazzjoni ta' ċerti kwoti tariffarji għall-importazzjoni ta' ross u ross miksur, li jinqasmu skont il-pajjiż tal-oriġini u f'diversi subperjodi skont l-Anness I tal-istess Regolament ta' Implementazzjoni.
- (2) Is-subperjodu tax-xahar ta' April huwa t-tieni subperjodu għall-kwoti previsti fl-Artikolu 1(1)(a) tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 1273/2011.
- (3) In-notifikasi mibgħuta skont il-punt (a) tal-Artikolu 8 tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 1273/2011 juru li, għall-kwota bin-numru tal-ordni 09.4130, l-applikazzjonijiet imressqa fl-ewwel għaxart ijiem ta' xogħol ta' April 2015 skont l-Artikolu 4(1) ta' dak ir-Regolament ta' Implementazzjoni, ikopru kwantità superjuri għal dik disponibbli. Għalhekk, jeħtieġ li jiġi ddeterminat sa liema punt jistgħu jinħarġu l-liċenzji għall-importazzjoni, billi jiġi stabbilit il-koeffċient ta' allokazzjoni li għandu jiġi applikat għall-kwantitajiet mitluba skont il-kwota kkonċernata, ikkalkulat f'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 (³).
- (4) Dawk in-notifikasi juru wkoll li, għall-kwoti bin-numru tal-ordni 09.4127 – 09.4128 u 09.4129, l-applikazzjonijiet imressqa fl-ewwel għaxart ijiem ta' xogħol ta' April 2015, skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 1273/2011, ikopru kwantità li hija infierjuri għal dik disponibbli.
- (5) Jeħtieġ ukoll li għall-kwoti bin-numru tal-ordni 09.4127 – 09.4128 – 09.4129 u 09.4130, tiġi ffissata l-kwantità totali disponibbli għas-superjodu ta' wara, skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 1273/2011.
- (6) Sabiex tiġi żgurata ġestjoni tajba tal-proċedura tal-ħruġ tal-liċenzji għall-importazzjoni, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ immeddatament wara l-publikazzjoni tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

**Artikolu 1**

1. Għall-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni tar-ross li jaqgħu taħt il-kwota bin-numru tal-ordni 09.4130 imsemmija fir-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 1273/2011, imressqa matul l-ewwel għaxart ijiem ta' xogħol ta' April 2015, il-liċenzji għandhom jinħarġu għall-kwantità mitluba, immultiplikati bil-koeffċienti ta' allokazzjoni stipulat fl-Anness għal dan ir-Regolament.

(¹) ĠUL 347, 20.12.2013, p. 671.

(²) Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1273/2011 tas-7 ta' Diċembru 2011 li jifta u li jipprovd għall-amministrazzjoni ta' ċerti kwoti ta' tariffi għall-importazzjoni ta' ross u ross miksur (ĠUL 325, 8.12.2011, p. 6).

(³) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awwissu 2006 li jistabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffi fuq l-importazzjoni għal prodotti agrikoli ġestiti b'sistema ta' liċenzji ta' importazzjoni (ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13).

2. Il-kwantità totali disponibbli għas-subperjodu sussegwenti taħt il-kwoti bin-numri tal-ordni 09.4127 – 09.4128 – 09.4129 u 09.4130 imsemmija fir-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 1273/2011, hija stabbilita fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

## Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-publikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' April 2015.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

*Jerzy PLEWA*

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

## ANNESS

**Il-kwantitajiet li għandhom jiġu allokati għas-subperjodu ta' April 2015 u l-kwantitajiet disponibbli għas-subperjodu ta' wara skont ir-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) Nru 1273/2011**

Il-kwota ta' ross mitħun għal kollox jew nofsu mitħun kopert bil-kodiċi tan-NM 1006 30 kif previst fl-Artikolu 1(1)(a) tar-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) Nru 1273/2011

Oriġini	Numru tal-ordni	Koeffiċjent tal-allokazzjoni għas-subperjodu tax-xahar ta' April 2015	Kwantità totali disponibbli għas-subperjodu ta' Lulju 2015 (f'kg)
L-Istati Uniti	09.4127	— (¹)	19 567 500
It-Tajlandja	09.4128	— (¹)	8 531 035
L-Australja	09.4129	— (¹)	868 000
Li joriġina minn xi paj-jiż ieħor	09.4130	0,849768 %	0

(¹) L-applikazzjonijiet ikopru kwantitajiet li huma inqas minn jew daqs il-kwantitajiet disponibbli: għalhekk, l-applikazzjonijiet kollha huma aċċettabbli.

## DIRETTIVI

### DIRETTIVA TAL-KUNSILL (UE) 2015/652

tal-20 ta' April 2015

**li tistabbilixxi l-metodi ta' kalkolu u r-rekwiżiti ta' rappurtar skont id-Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 1998 dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/12/KEE (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 7a(5) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-metodu tal-kalkolu tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett serra ta' fjuwils u ta' enerġija oħra minn sorsi mhux bijoloġiċi, li għandu jiġi stabbilit skont l-Artikolu 7a(5) tad-Direttiva 98/70/KE għandu jrendi rappurtar ta' preċiżjoni suffiċjenti, sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tevalwa b'mod kritiku l-prestazzjoni ta' forniture biex jilhqqu l-obbligi tagħhom skont l-Artikolu 7a ta' dik id-Direttiva. Il-metodu ta' kalkolu għandu jiżgura preċiżjoni, filwaqt li jikkunsidra l-kumplessitā tar-rekwiżiti amministrattivi assoċjati. Fl-istess ħin, għandu jinċentiva lill-forniture biex inaqqsu l-intensità tal-gassijiet b'effett serra tal-fjuwil li huma jfornu. Għandha tingħata wkoll attenzjoni partikolari lill-impatt tal-metodu ta' kalkolu fuq ir-raffineriji fl-Unjoni. Għalhekk, il-metodu ta' kalkolu għandu jkun ibbażat fuq intensitatiet medji tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra li jirrappreżentaw valur medju tal-industrija li huwa tipiku għal fjuwil partikolari. Dan għandu l-vantaġġ li jnaqqas il-piż amministrattiv fuq il-forniture u fuq l-Istati Membri. F'dan l-istadju, il-metodu ta' kalkolu propost ma għandux ikun jeħtieġ differenzjazzjoni tal-intensità tal-gassijiet b'effett serra tal-fjuwil abbażi tas-sors tal-materja prima, għaliex dan ikun jaffettwa l-investimenti attwali fċerti raffineriji fl-Unjoni.
- (2) Ir-rekwiżiti ta' rappurtar għall-forniture li huma intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), kif definiti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE (²) għandhom jiġu minimizzati kemm jista' jkun fil-kuntest tal-Artikolu 7a(1) tad-Direttiva 98/70/KE. Bl-istess mod, l-importaturi ta' petrol u diżi raffinat barra l-Unjoni ma għandhomx ikunu obbligati li jipprovd informazzjoni dettaljata dwar is-sorsi ta' żjut grezz użati biex jagħmlu dawk il-fjuwils, għaliex din l-informazzjoni tista' ma tkunx disponibbli jew tista' tkun diffiċli biex tinkiseb.
- (3) Sabiex jingħataw incenċivi għal aktar tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra, l-iffrankar miksub mit-taqqis ta' emissjonijiet upstream (UERs), inkluż dak minn ivvampjar u ivventjar, għandu jkun inkluż fil-kalkolu tal-emissjonijiet tal-forniture tal-gassijiet serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja. Sabiex tkun issaċċilitata d-dikjarazzjoni ta' UERs mill-forniture, għandhom jitħallew jintużaw skemi varji ta' emissjonijiet għall-kalkolu u c-ċertifikazzjoni tat-taqqis tal-emissjonijiet. Għandhom ikunu eliġibbli biss dawk il-proġetti UER li jibdew wara d-data tal-istabbiliment tal-istandard tal-linjal ta' bażi tal-fjuwils stabbilita fl-Artikolu 7a(5)(b) tad-Direttiva 98/70/KE, jiġifieri l-1 ta' Jannar 2011.
- (4) Il-valuri awtomatiċi medji ppeżati għall-gassijiet serra li jirrappreżentaw iż-żjut grezz fl-Unjoni jipprovd metodu ta' kalkolu sempliċi li bih il-forniture jistgħu jiddeterminaw il-kontenut tal-gass serra tal-fjuwil li huma jfornu.
- (5) Il-UERs għandhom jiġu stmati u vvalidati skont il-prinċipji u l-istandards identifikati fl-Standard Internazzjonali, u b'mod partikolari ISO 14064, ISO 14065 u ISO 14066.

(¹) ĠUL 350, 28.12.1998, p. 58.

(²) Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni tal-intrapriżi mikro, żgħar u medji (traduzzjoni mhux uffiċjali) (ĠUL 124, 20.5.2003, p. 36).

- (6) Barra minn hekk huwa xieraq li tiġi ffaċilitata l-implementazzjoni mill-Istati Membri ta' leġislazzjoni dwar l-UER, inklużi l-ivvampjar u l-ivventjar. Għal dan il-ġhan, għandha tithejjha gwida mhux leġislattiva taħt l-awspicċi tal-Kummissjoni dwar approċċi biex jiġi kkwantifikati, ivverifikati, ivvalidati, immonitorjati u rrapporġati tali UERS (inkluż tnaqqis fl-ivvampjar u l-ivventjar fis-siti tal-produzzjoni) qabel l-iskadenza tal-perijodu ta' traspożizzjoni stabbilit fl-Artikolu 7 ta' din id-Direttiva.
- (7) L-Artikolu 7a(5)(b) tad-Direttiva 98/70/KE jesīgi l-istabbiliment ta' metodu biex jiġi ddeterminat l-istandard tal-linja ta' bażi tal-fjuwils ibbażat fuq l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja għal kull unità tal-enerġija mill-fjuwils fossili fl-2010. L-istandard tal-linja ta' bażi tal-fjuwils għandu jkun ibbażat fuq kwantitatijiet ta' diziż, petrol, gasoil mhux tat-triq, gass tal-pitrolju likwififikat (LPG) u gass naturali kkompressat (CNG) ikkunsmat bl-użu ta' data irrapprtata uffiċjalment mill-Istati Membri lill-Konvenzjoni ta' Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) fl-2010. L-istandard tal-linja ta' bażi tal-fjuwils ma għandux ikun il-komparatur tal-fjuwils fossili li jintuża biex jiġi kkalkulat l-iffrankar tal-gassijiet b'effett serra minn bijofjuwils, li għandu jibqa' kif stabbilit fl-Anness IV tad-Direttiva 98/70/KE.
- (8) Minħabba li l-kompożizzjoni tat-taħlita tal-fjuwils fossili rilevanti ffit tinbidel minn sena għal oħra, il-varjazzjoni aggregata tal-intensità tal-gass serra tal-fjuwils fossili minn sena għal oħra tkun żgħira wkoll. Huwa, għalhekk, xieraq li l-istandard tal-linja ta' bażi tal-fjuwils ikun ibbażat fuq id-data tal-konsum medju tal-Unjoni għall-2010 kif irrapprtata mill-Istati Membri lill-UNFCCC.
- (9) L-istandard tal-linja ta' bażi tal-fjuwils għandu jirrappreżenta l-intensità medja upstream ta' gass b'effett serra u l-intensità tal-fjuwil ta' raffinerija ta' kumplessità medja għall-fjuwils fossili. Għalhekk, l-istandard tal-linja ta' bażi tal-fjuwils għandu jiġi kkalkulat bl-użu ta' valuri medji awtomatiċi tal-fjuwils rispettivi. L-istandard tal-linja ta' bażi tal-fjuwils għandu jibqa' l-istess għall-perjodu sal-2020, sabiex il-fornituri tingħatalhom ġerx-xebha regolatorja fir-rigward tal-obblighi tagħhom biex inaqqsu l-intensità tal-gassijiet b'effett serra tal-fjuwils li huma jfornu.
- (10) L-Artikolu 7a(5)(d) tad-Direttiva 98/70/KE jistipula wkoll l-adozzjoni ta' metodu biex jiġi kkalkulat il-kontribut tal-vetturi tat-triq li jaħdmu bl-elettriku biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja. Skont dak l-Artikolu, il-metodu ta' kalkolu għandu jkun kompatibbli mal-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (¹). Biex din il-kompatibbiltà tkun żgurata, l-istess fattur ta' aġġustament għandu jkun użat għall-effiċċjenza tal-magna.
- (11) L-elettriku fornut għall-użu fit-trasport bit-triq jista' jiġi rrappurtat mill-fornituri, kif stabbilit fl-Artikolu 7a(1) tad-Direttiva 98/70/KE, bħala parti mir-rapporti annwali tagħhom lill-Istati Membri. Biex l-ispejjeż amministrattivi jkunu limitati, huwa xieraq li għall-fini ta' rappurtar minn fornitur, il-metodu ta' kalkolu jkun ibbażat fuq stima iktar milli fuq il-kejż tal-konsum tal-elettriku f'vettra tat-triq jew mutur li jaħdem bl-elettriku.
- (12) Huwa xieraq li tinkludi approċċ dettaljat għall-istima tal-kwantità u l-intensità tal-gass b'effett serra tal-bijofjuwils f'każijiet fejn l-ipproċċassar ta' bijofjuwil u ta' fjuwil fossili jseħħi matul l-istess proċess. Għal dan jinħtieġ metodu spċċifiku għaliex il-kwantità tal-bijofjuwil li tirriżulta ma tistax titkejjel, bħal meta jsir idrotrattament taż-żjut veġetali bi fjuwil fossili. L-Artikolu 7d(1) tad-Direttiva 98/70/KE jistipula li l-emissjonijiet ta' gass b'effett serra tal-bijofjuwils tul iċ-ċiklu tal-ħajja għandhom, għall-finijiet tal-Artikolu 7a u tal-Artikolu 7b(2) ta' dik id-Direttiva, jiġi kkalkulati skont l-istess metodu. Għalhekk, iċ-ċertifikazzjoni tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra permezz ta' skemi volontarji rikonoxxuti hija valida għall-finijiet tal-Artikolu 7a kif inhi għall-finijiet tal-Artikolu 7b(2) tad-Direttiva 98/70/KE.
- (13) Ir-rekwiżit tar-rappurtar mill-fornituri stabbilit fl-Artikolu 7a(1) tad-Direttiva 98/70/KE għandu jiġi supplimentat b'format armonizzat u b'definizzjonijiet armonizzati tad-data li għandha tigejha rrappurtata. Armonizzazzjoni tad-definizzjoni jiet tad-data hija meħtieġa għall-kalkolu korrett tal-intensità tal-gass b'effett serra marbut mal-obblighi ta' rrappurtar tal-fornituri individwali, billi l-formola tar-rappurtar tal-elementi ewlenin tad-data tissupplixxi l-metodu ta' kalkolu armonizzat skont l-Artikolu 7a(5)(a) tad-Direttiva 98/70/KE. Din id-data tinkludi l-identifikazzjoni tal-fornituri, il-kwantità tal-fjuwil jew tal-enerġija mqiegħda fis-suq u t-tip tal-fjuwil jew tal-enerġija imqiegħed fis-suq.
- (14) Ir-rekwiżit tar-rappurtar tal-fornituri, stabbilit fl-Artikolu 7a(1) tad-Direttiva 98/70/KE għandu jiġi ssupplimentat b'rekwiżiti ta' rappurtar armonizzati, b'format ta' rappurtar u b'definizzjonijiet armonizzati għall-Istat Membru li jirrapporta lill-Kummissjoni dwar ir-rendiment ta' gassijiet serra minn fjuwils ikkunsmati fl-Unjoni. B'mod partikolari, dawn ir-rekwiżiti tar-rappurtar se jippermetti l-aġġornament tal-komparatur tal-fjuwils fossili" deskrift fil-punt 19 tal-Parti C tal-Anness IV tad-Direttiva 98/70/KE u fil-punt 19 tal-Parti C tal-Anness V tad-Direttiva 2009/28/KE, u se jiffaċilitaw ir-rappurtar meħtieġ skont l-Artikoli 8(3) u 9(2) tad-Direttiva 98/70/KE kif ukoll l-aġġornament tal-metodu ta' kalkolu mal-progress tekniku u xjentifiku, sabiex ikun żgurat li l-ġhan maħsub.

(¹) Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 16).

tiegħu jintlaħaq. Din id-data għandha tinkludi l-kwantità tal-fjuwil jew tal-enerġija mqiegħda fis-suq u t-tip ta' fjuwil jew tal-enerġija, il-post tax-xiri u l-oriġini tal-fjuwil jew tal-enerġija imqiegħda fis-suq.

- (15) Huwa xieraq li l-Istati Membri jippermettu lill-fornituri jissodisfaw ir-rekwiżiti tar-rappurtar billi jużaw id-data ekwivalenti li qed tinġabar skont il-leġislazzjoni l-oħra tal-Unjoni jew nazzjonali sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv, sakemm dan ir-rappurtar isir skont ir-rekwiżiti stipulati fl-Anness IV u skont id-definizzjonijiet stabbiliti fl-Annessi I u III.
- (16) Sabiex jiġi ffaċilitat ir-rappurtar minn grupp ta' fornituri skont l-Artikolu 7a(4) tad-Direttiva 98/70/KE, l-Artikolu 7a(5)(c) ta' dik id-Direttiva jippermetti l-istabbiliment ta' kwalunkwe regola meħtieġa. Ikun jaqbel li dan ir-rappurtar jiġi ffaċilitat sabiex jiġi evitat it-tfixxil tal-movimenti fizċi tal-fjuwil, billi fornituri differenti jqiegħdu fis-suq fjuwils differenti ta' proporzjonijiet differenti u għalhekk jista' jkollhom bżonn jużaw livelli differenti ta' riżorsi biex jilħqu l-mira ta' tnaqqis ta' gassijiet b'effett serra. Hu għalhekk neċċesarju li jiġu armonizzati d-definizzjonijiet tal-identifikazzjoni tal-fornituri, il-kwantità tal-fjuwil jew tal-enerġija mqiegħda fis-suq, it-tip ta' fjuwil jew tal-enerġija, il-post tax-xiri u l-oriġini tal-fjuwil jew tal-enerġija imqiegħda fis-suq. Barra minn hekk, biex jiġi vverifikat li l-għadd doppu huwa evitat fir-rappurtar tal-fornituri konġunti skont l-Artikolu 7a(4), huwa xieraq li tiġi armonizzata l-implementazzjoni tal-kalkolu u l-metodu tar-rappurtar fl-Istati Membri, inkluż ir-rappurtar lill-Kummissjoni, sabiex din l-informazzjoni meħtieġa minn grupp ta' fornituri tkun relatata ma' Stat Membru spċificu.
- (17) Skont l-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 98/70/KE l-Istati Membri għandhom jissottomettu rapport annwali tad-data nazzjonali tal-kwalità tal-karburanti (fjuwil) għas-sena kalenderja preċedenti skont il-format stabbilit fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/159/KE<sup>(1)</sup>. Biex ikunu koperti l-emendi introdotti għad-Direttiva 98/70/KE bid-Direttiva 2009/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(2)</sup>, u r-rekwiżiti addizzjonali sussegwenti ta' rappurtar dwar l-Istati Membri, u fl-interess tal-effikaċja u l-armonizzazzjoni, hu meħtieġ li tiġi ċċarata liema informazzjoni għandha tiġi rrappurtata, u li jiġi adattat il-format għas-sottomissjoni tad-data minn fornituri u Stati Membri.
- (18) Il-Kummissjoni ppreżentat abbozz ta' miżura lill-Kumitat stabbilit bid-Direttiva 98/70/KE fit-23 ta' Frar 2012. Il-Kumitat ma setax jadotta opinjoni bil-maġġoranza kwalifikata meħtieġa. Għalhekk jixraq li l-Kummissjoni tippreżenta proposta lill-Kunsill skont l-Artikolu 5a(4) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE<sup>(3)</sup>.

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

## Artikolu 1

### Suġġett — Kamp ta' applikazzjoni

1. Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli dwar il-metodi ta' kalkolu u rekwiżiti ta' rappurtar skont id-Direttiva 98/70/KE.
2. Din id-Direttiva tapplika għall-fjuwils użati fil-propulsjoni tal-vetturi tat-triq, tal-makkinarju mobbli mhux tat-triq (inklużi l-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni meta ma jkunux fil-baħar), tat-tratturi agrikoli u tal-forestrija, u tad-dgħajjes li jintużaw għar-rikreazzjoni meta ma jkunux fil-baħar u għall-elettriku użat fil-vetturi tat-triq.

## Artikolu 2

### Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, u b'żieda mad-definizzjonijiet li diġà jinsabu fid-Direttiva 98/70/KE, japplikaw id-definizzjonijiet li gejjim:

- (1) "emissionijiet upstream" tfisser l-emissionijiet kollha tal-gassijiet b'effett serra li jseħħu qabel ma tidħol il-materja prima fir-raffineriji jew fl-impjant tal-ipproċessar fejn il-fjuwil, kif imsemmi fl-Anness I, kien prodott;

<sup>(1)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/159/KE tat-18 ta' Frar 2002 dwar il-format komuni għall-preżentazzjoni tas-sommarji ta' data nazzjonali tal-kwalità tal-karburanti (ĠUL 53, 23.2.2002, p. 30).

<sup>(2)</sup> Id-Direttiva 2009/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' April 2009, li temenda d-Direttiva 98/70/KE rigward l-ispecifikkazzjoni tal-petrol, tad-diżi u tal-gasoil u li tintroduċi mekkaniżmu għall-monitoraġġ u għat-tnaqqis tal-emissionijiet tal-gassijiet serra u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 1999/32/KE rigward l-ispecifikkazzjoni tal-karburant użat mill-bastimenti tal-passaġġi tal-ilma interni u li tħassar id-Direttiva 93/12/KEE (ĠUL 140, 5.6.2009, p. 88).

<sup>(3)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistipula l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' l-implementazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni (ĠUL 184, 17.7.1999, p. 23).

- (2) "bitum naturali" tfisser kwalunkwe sors ta' materja prima tar-raffineriji li:
- (a) għandu Gravità tal-American Petroleum Institute ta' 10 gradi jew anqas meta jinsab fformazzjoni ta' reservoir fil-post tal-estrazzjoni kif definit skont metodu ta' ttestjar D287 tal-American Society for Testing and Materials (ASTM) (¹),
  - (b) għandu viskożitā medja annwali ftemperatura ta' reservoir akbar minn dik ikkalkulata mill-ekwazzjoni: Viskożitā (Centipoise) =  $518,98e^{-0.038T}$  fejn T hija t-temperatura fi grad Celsius,
  - (c) li jaqa' fid-definizzjoni għal ramel taż-żift tal-kodiċi tan-nomenklatura maqgħuda (NM) 2714 kif deskritt fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 (²), u
  - (d) fejn il-mobilizzazzjoni tas-sors tal-materja prima tinkiseb bl-estrazzjoni tal-minjieri jew bl-iskular bil-gravità msaħħaħ b'mod termali fejn l-enerġija termali toriġina prinċipalment minn sorsi minbarra s-sors stess tal-materja prima;
- (3) "skist bituminuż" tfisser kwalunkwe sors ta' materja prima ta' raffinerija kif ikun jinsab fformazzjoni ta' blat li jkun fiha keroġenu solidu u li jaqa' taħt id-definizzjoni għal skist bituminuż tal-kodiċi NM 2714 kif deskritt fir-Regolament (KEE) Nru 2658/87. Il-mobilizzazzjoni tas-sors ta' materja prima tinkiseb bl-estrazzjoni tal-minjieri jew bl-iskular bil-gravità msaħħaħ b'mod termali;
- (4) "standard tal-linja ta' bażi tal-fjuwils" tfisser standard tal-linja ta' bażi tal-fjuwils tul iċ-ċiklu tal-ħajja l-emissjonijiet tal-gass kull unità ta' enerġija mill-fjuwils fossili fl-2010;
- (5) "żejt grezz konvenzjonali" tfisser kwalunkwe materja prima minn raffinerija li juri gravità tal-API li tkun ogħla minn 10 gradi meta tkun tinsab fformazzjoni ta' reservoir fil-post tal-oriġini tagħha kif imkejla skont il-metodu ta' ttestjar D287 tal-ASTM, u li ma taqax taħt id-definizzjoni għall-kodiċi NM 2714 kif deskritt fir-Regolament (KEE) Nru 2658/87.

### Artikolu 3

#### **Metodolu għall-kalkolu tal-intensità tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ta' fjuwils u enerġija pprovduti għajr il-bijofjuwils u r-rappurtar mill-fornituri**

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 7a(2) tad-Direttiva 98/70/KE, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornituri jużaw il-metodu ta' kalkolu stabbilit fl-Anness I għal din id-Direttiva biex jiddeterminaw l-intensità tal-gass serra tal-fjuwils li huma jfornu.
2. Għall-finijiet tat-tieni subparagraphu tal-Artikolu 7a(1) u tal-Artikolu 7a(2) tad-Direttiva 98/70/KE, l-Istati Membri għandhom jeżiġu li l-fornituri jirrapportaw id-data billi jużaw d-definizzjonijiet u l-metodu ta' kalkolu stipulati fl-Anness I ta' din id-Direttiva. Id-data għandha tiġi rrapportata kull sena billi jintuża l-mudell stabbilit fl-Anness IV ta' din id-Direttiva.
3. Għall-finijiet tal-Artikolu 7a(4) tad-Direttiva 98/70/KE, kull Stat Membru għandu jiżgura li grupp ta' fornituri li jagħiżlu li jitqiesu bħala fornitur wieħed jissodisa l-obbligu tiegħu taħt l-Artikolu 7a(2) f'dak l-Istat Membru.
4. Għall-fornituri li huma SMEs, l-Istati Membri għandhom japplikaw il-metodu simplifikat stabbilit fl-Anness I għal din id-Direttiva.

### Artikolu 4

#### **Kalkolu tal-istandard tal-linja ta' bażi tal-fjuwils u tnaqqis fl-intensità tal-gassijiet b'effett serra**

Għall-finijiet tal-verika tal-konformità tal-fornituri mal-obbligli tagħhom skont l-Artikolu 7(a)2 tad-Direttiva 98/70/KE, l-Istati Membri għandhom jesiġu li l-fornituri jqabblu t-tnaqqis miksub minnhom ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra tul-ċiklu tal-ħajja minn fjuwils u elettriku mal-istandard tal-linja ta' bażi tal-fjuwls stabbilit fl-Anness II ta' din id-Direttiva.

(¹) American Society for Testing and Materials: <http://www.astm.org/index.shtml>

(²) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

**Artikolu 5****Rappurtar mill-Istati Membri**

1. Meta jibagħtu rapporti lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 98/70/KE, l-Istati Membri għandhom jagħtu lill-Kummissjoni d-data relatata mal-konformità mal-Artikolu 7a ta' dik id-Direttiva, kif definit fl-Anness IV ta' din id-Direttiva.
2. L-Istati Membri għandhom jużaw l-għodod tar-ReportNet tal-Āgenzija Ewropea għall-Ambjent, ipprovduti skont ir-Regolament (KE) Nru 401/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (<sup>(1)</sup>) għas-sottomissjoni tad-data stipulata fl-Anness III ta' din id-Direttiva. Id-data għandha tīgħi trażmess mill-Istati Membri permezz ta' trasferiment elettroniku tad-data għar-Repożitorju tad-Data Ċentrali ġestit mill-Āgenzija Ewropea għall-Ambjent.
3. Id-data għandha tkun ipprovduta kull sena billi jintuża l-mudell stabbilit fl-Anness IV. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bid-data tat-trażmissjoni u l-isem ta' kuntatt tal-awtorità kompetenti responsabbi għall-verifika u r-rappurtar tad-data lill-Kummissjoni.

**Artikolu 6****Penali**

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbi għall-ksur ta' dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġi implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni sal-21 ta' April 2017 u għandhom mingħajr dewmien jinnotifikawha dwar kull emenda sussegħenti li taffettwahom.

**Artikolu 7****Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-ligħiġiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa għall-konformità ma' din id-Direttiva sal-21 ta' April 2017. Huma għandhom immedjatamente jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan.
2. Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, huma għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni ufficijal tagħhom. Il-metodi ta' kif isiru tali referenzi għandhom jiġi stipulati mill-Istati Membri.
3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tal-miżuri ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

**Artikolu 8****Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

**Artikolu 9****Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fil-Lussempingu, l-20 ta' April 2015.

*Għall-Kunsill  
Il-President  
J. DÜKLAWS*

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 401/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar l-Āgenzija Ewropea għall-Ambjent u n-Netwerku Ewropew ta' Informazzjoni u Osservazzjoni tal-Ambjent (ĠU L 126, 21.5.2009, p. 13).

## ANNESS I

**METODU GĦALL-KALKOLU U R-RAPPURTAR TAL-INTENSITÀ TA' GASS SERRA TUL IC-ĊIKLU TAL-ĦAJJA TAL-FJUWILS U L-ENERĠIJA SKONT IL-FORNITUR**

## Parti 1

**Kalkolu tal-intensità ta' gass serra tal-fjuwils u l-energijsa tal-fornitur**

L-intensità ta' gass serra għall-fjuwils u l-energijsa hija espressa f'termini ta' grammi ta' dijossidu tal-karbonju ekwivalenti għal kull Mega Joule ta' fjuwil ( $\text{gCO}_{2\text{eq}}/\text{MJ}$ ).

- Il-gassijiet serra li jitqiesu għall-finijiet tal-kalkolu tal-intensità ta' gass serra tal-fjuwil huma d-dijossidu tal-karbonju ( $\text{CO}_2$ ), l-ossidu tan-nitroġenu ( $\text{N}_2\text{O}$ ) u l-metan ( $\text{CH}_4$ ). Għall-fini tal-kalkolu tal-ekwivalenza ta'  $\text{CO}_2$ , l-emissjonijiet ta' dawk il-gassijiet huma vvalutati f'termini ta' emissjonijiet ekwivalenti għal  $\text{CO}_2$ , kif ġej:

$$\text{CO}_2: 1; \quad \text{CH}_4: 25; \quad \text{N}_2\text{O}: 298$$

- L-emissjonijiet mill-manifattura ta' makkinarju u tagħmir utilizzati għall-estrazzjoni, il-produzzjoni, ir-raffinar u l-konsum ta' fjuwils fossili ma jitqisux fil-kalkolu tal-gass serra.
- L-intensità ta' gass serra tal-fornitur mill-emissjonijiet tal-gassijiet serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-fjuwils u tal-energijsa kollha għandha tiġi kkalkulata skont il-formula t'hawn taħt:

$$\text{L-intensità ta' gass serra ta' fornitur}_{(\#)} = \frac{\sum_x (\text{GHH}_x \times \text{AF} \times \text{MJ}_x) - \text{UER}}{\sum_x \text{MJ}_x}$$

fejn:

- "#" tfisser l-identifikazzjoni tal-fornitur (jiġifieri l-identifikazzjoni tal-entità responsabbi għall-ħlas tad-dazju definita fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 684/2009<sup>(1)</sup> bħan-Numru tas-Sisa tal-Kummerċjant (in-numru tar-regiżstrazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju tad-Data dwar is-Sisa (SEED) jew in-numru ta' identità tal-VAT fil-punt 5(a) tat-Tabella 1, il-punt 5(a) tal-Anness I ta' dak ir-Regolament għall-kodiċijiet tat-Tip tad-Destinazzjoni 1 sa 5 u 8), li huwa wkoll l-entità responsabbi li tħallas id-dazju tas-sisa skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE<sup>(2)</sup> fil-ħin li d-dazju tas-sisa sar dovut skont l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2008/118/KE. Jekk din l-identifikazzjoni ma tkunx disponibbli, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li mezzi ekwivalenti ta' identifikazzjoni huma stabbiliti skont l-iskema tar-rappurtar tad-dazju tas-sisa nazzjonali;
- "x" tfisser it-tipi ta' karburant (fjuwil) u ta' enerġija li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva kif espresso fil-punt 7(c) tat-Tabella 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 684/2009. Jekk din id-data mhix disponibbli, l-Istati Membri għandhom jiġbru data ekwivalenti skont l-iskema nazzjonali stabbilita tar-rappurtar tad-dazju tas-sisa;
- "MJ<sub>x</sub>" tfisser l-energijsa totali pprovduta u mibdula minn volumi rrappurtati ta' fjuwil "x" espressa f'Mega Joules. Din tiġi kkalkolata kif ġej:

- Il-kwantità ta' kull fjuwil għal kull tip ta' fjuwil

Hija derivata minn data rrappurtata skont il-punti 17(d), (f) u (o) tat-Tabella 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 684/2009. Il-kwantitajiet ta' bijofjuwils jiġu kkonvertiti għall-kontenut tagħħom tal-energijsa lower-heat-value skont id-densitajiet tal-energijsa stabbiliti fl-Anness III tad-Direttiva 2009/28/KE. Il-kwantitajiet ta'

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 684/2009 tal-24 ta' Lulju 2009 li jimplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE fir-rigward tal-proċeduri kompjuterizzati għall-moviment ta' prodotti tas-sisa taħt sospensijni tad-dazju tas-sisa (ĠU L 197, 29.7.2009, p. 24).

<sup>(2)</sup> Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-arrangġamenti ġenerali għad-dazji tas-sisa u li tħassar id-Direttiva 92/12/KEE (ĠU L 9, 14.1.2009, p. 12).

bijofjuwils minn oriġini mhux bijoloġika huma kkonvertiti fil-kontenut tagħhom tal-enerġija b'valur ta' tisħin inferjuri skont id-densitajiet tal-enerġija stabbiliti fl-Appendiċi 1 tar-rapport taċ-Ċentru Konġunti tar-Riċerka-EUCAR-CONCAWE tal-(JEC) (<sup>(1)</sup>) Well-to-Tank (verżjoni 4) ta' Lulju 2013 (<sup>(2)</sup>);

(ii) Koprocċassar simultanju ta' fjuwils fossili u ta' bijofjuwils

Proċessar jinkludi kull modifika tul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' fjuwil jew ta' enerġija pprovduta li toħloq bidla fl-istruttura molekulari tal-prodott. Iż-żieda ta' denaturant ma taqax taħt dan l-iproċessar. Il-kwantità ta' bijofjuwils koprocċassati mal-fjuwils ta' oriġini mhux bijoloġika tirrifletti l-istat ta' wara l-iproċessar tal-bijofjuwil. Il-kwantità tal-bijofjuwil koprocċassat hija determinata skont il-kontenut ta' enerġija u l-effiċjenza tal-procċess ta' koprocċassar kif stabbiliti fil-punt 17 ta' Parti C tal-Anness IV, tad-Direttiva 98/70/KE.

Meta bijofjuwils multipli jitħalltu ma' fjuwils fossili l-kwantità u t-tip ta' kull bijofjuwil jitqies fil-kalkolu u jiġi rrapprtata mill-fornituri lill-Istati Membri.

Il-kwantità ta' bijokarburanti (bijofjuwils) fornuta li ma tissodisfax il-kriterji ta' sostenibbiltà msemmija fl-Artikolu 7b(1) tad-Direttiva 98/70/KE għandha titqies bħala fjuwil fossili.

It-taħlita ta' petrol E85 għandha tiġi rrappurtata bħala fjuwil separat għall-fini tal-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (<sup>(3)</sup>).

Jekk ma jingħabrux il-kwantitajiet skont ir-Regolament (KE) Nru 684/2009, l-Istati Membri għandhom jiġibru data ekwivalenti skont skema nazzjonali stabbilita għar-rappurtar tad-dazju tas-sisa;

(iii) Il-kwantità ta' elettriku kkunsmat

Rappurtar Konġunt	Pajjiż	Fornitur <sup>1</sup>	Tip ta' enerġija <sup>7</sup>	Kwantità <sup>6</sup>		Intensità GHG	Tnaqqis medju fl-2010
				skont l-enerġija			
LE							

Informazzjoni dwar il-Fornituri Konġunti						
	Pajjiż	Fornitur <sup>1</sup>	Tip ta' enerġija <sup>7</sup>	Kwantità <sup>6</sup>	Intensità GHG	Tnaqqis fuq il-medja tal-2010
				skont l-enerġija		
IVA						
IVA						
	Subtotal					

## Oriġini — Fornituri Uniċi<sup>8</sup>



Oriġini — Fornituri Konġunti<sup>8</sup>



**Post tax-xiri<sup>9</sup>**

Entrata	Kompon-	Ismijiet tar-Raffi-neriji/tal- Impjanti ta' Proċessar	Pajjiż	Ismijiet tar-Raffi-neriji/tal- Impjanti ta' Proċessar	Pajjiż	Ismijiet tar-Raffi-neriji/tal- Impjanti ta' Proċessar	Pajjiż	Ismijiet tar-Raffi-neriji/tal- Impjanti ta' Proċessar	Pajjiż	Ismijiet tar-Raffi-neriji/tal- Impjanti ta' Proċessar	Pajjiż	Ismijiet tar-Raffi-neriji/tal- Impjanti ta' Proċessar	Pajjiż	
1	F.1													
1	F.n													
1	B.1													
1	B.m													
k	F.1													
k	F.n													
k	B.1													
k	B.m													
I	F.1													
I	F.n													
I	B.1													
I	B.m													
X	F.1													
X	F.n													
X	B.1													
X	B.m													

**L-enerġija totali rrappurtata u t-tnaqqis miksab għal kull Stat Membru**

Volume (skont l-enerġija) <sup>10</sup>	Intensità GHG	Tnaqqis fuq il-medja tal-2010

**Noti dwar il-format**

Il-mudell ta' rappurtar mill-fornitur huwa identiku għall-mudell għall-Istat Membru li jirrapporta.

Il-kaxxi miżbugħin ma għandhomx għalfejn jimtlew.

1. L-identifikazzjoni tal-fornitur hija definita fil-punt 3(a) tal-Parti 1 tal-Anness I;
2. Il-kwantità tal-fjuwil hija definita fil-punt 3(c) tal-Parti 1 tal-Anness I;
3. Id-densità API hija definita skont il-metodu ta' ttestjar ASTM D287;
4. L-intensità ta' gass serra hija definita fil-punt 3(e) tal-Parti 1 tal-Anness I;

- 
5. UER huwa definit fil-punt 3(d) tal-Parti 1 tal-Anness I; kwalifikasi ta' rappurtar huma definiti fil-punt 1 tal-Parti 2 tal-Anness I;
  6. Il-kwantità tal-elettriku hija definita fil-punt 6 tal-Parti 2 tal-Anness I;
  7. It-tipi ta' fjuwil u s-CN korrispondenti huma definiti fil-punt 3(b) tal-Parti 1 tal-Anness I;
  8. L-oriġini hija definita fil-punti 2 u 4 tal-Parti 2 tal-Anness I;
  9. Il-Post tax-Xiri huwa definit fil-punti 3 u 4 tal-Parti 2 tal-Anness I;
  10. Il-volum totali tal-enerġija (tal-elettriku u tal-fjuwil) ikkunsmat.
-

**DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/653****tal-24 ta' April 2015****li temenda d-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-liċenzji tas-sewqan****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)****IL-KUMMISSJONI EWROPEA,**

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar il-liċenzji tas-sewqan<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tagħha,

Billi:

- (1) Il-kodiċijiet u s-subkodiċijiet stipulati fl-Anness I għad- Direttiva 2006/126/KE għandhom jiġu aġġornati fid-dawl tal-progress tekniku u xjentifiku, speċjalment fil-qasam tal-modifikati fil-vetturi u l-appoġġ tekniku ġhal sewwieqa b'diżabbiltà.
- (2) Sabiex iqisu l-iżviluppi teknoloġiċi ġodda, il-kodiċijiet u s-subkodiċijiet għandhom ikunu orjentati lejn il-funzjoni li tkun. Għal raġunijiet ta' simplifikazzjoni amministrattiva xi kodiċijiet għandhom jitneħħew, jingħaqdu ma' kodiċijiet oħra jew jitqassru.
- (3) Biex jitnaqqas il-piż fuq is-sewwieqa b'diżabbiltà, għandu jkun possibbli fejn xieraq li dawk is-sewwieqa jsuqu vettura mingħajr adattament tekniku. Peress li t-teknoloġija moderna tal-vetturi tippermetti li s-sewwieqa joperaw ċerti vetturi regolari b'forza limitata, eż- għall-immanuvrar bl-istering jew l-ibbrejkjar, u sabiex tissaħħaħ il-flessibbiltà għas-sewwieqa filwaqt li jiġi żgurat it-tħaddim sikur tal-vettura, għandhom jiġu introdotti kodiċijiet li jippermettu s-sewqan tal-vetturi li huma kompatibbli mal-forza massima li s-sewwieq ikun jista' jipproduċċi.
- (4) Ċerti kodiċijiet li bħalissa huma ristretti ġħal kundizzjonijiet mediċi jistgħu jkunu wkoll relevanti għal finniet oħrajn tas-sikurezza fit-toroq billi jillimitaw is-sitwazzjoni ta' riskju għoli, pereżempju fil-każ ta' sewwieqa princiċjanti jew anzjani. B'hekk għandha tinħoloq ukoll taqsima ġħal dawn il-kodiċijiet dwar l-użu limitat.
- (5) Biex tiżdied is-sikurezza fit-toroq, diversi Stati Membri daħħlu jew qed jippjanaw programmi li jirrestrinġu lis-sewwieqa li jsuqu biss vetturi mgħammira b'interlock tal-alkoħol. Biex jiġu ffaċilitati l-iskjerament u l-aċċettazzjoni ta' tagħmir b'interlock tal-alkoħol u b'kunsiderazzjoni tar-rakkomandazzjoni tal-istudju dwar il-prevenzjoni tas-sewqan taħt l-influwenza tax-xorb bl-użu ta' tagħmir b'interlock tal-alkoħol<sup>(2)</sup>, għandhom jiġu introdotti kodiċijiet armonizzati għal dan l-iskop.
- (6) Skont id-Dikjarazzjoni Politika Konguṇta tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni tat-28 ta' Settembru 2011 dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni<sup>(3)</sup>, l-Istati Membri impenjaw ruħhom li jerxgħu r-responsabbiltà li jakkumpanjaw, f'każżejjiet ġustifikati, in-notifika tal-miżuri ta' traspożżjoni tagħhom b'dokument wieħed jew aktar li jispjega(w) ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet korrispondenti tal-instrumenti ta' traspożżjoni nazzjonali.
- (7) Għaldaqstant id-Direttiva 2006/126/KE għandha tiġi emendata kif meħtieġ.
- (8) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-liċenzji tas-sewqan,

**ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:****Artikolu 1**

L-Anness I tad-Direttiva 2006/126/KE huwa emendat skont l-Anness ta' din id-Direttiva.

<sup>(1)</sup> ĠUL 403, 30.12.2006, p. 18.<sup>(2)</sup> Studju dwar il-prevenzjoni tas-sewqan taħt l-influwenza tax-xorb bl-użu ta' tagħmir tal-interlock tal-alkoħol, ara: [http://ec.europa.eu/transport/road\\_safety/pdf/behavior/study\\_alcohol\\_interlock.pdf](http://ec.europa.eu/transport/road_safety/pdf/behavior/study_alcohol_interlock.pdf)<sup>(3)</sup> ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14.

### Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2017. Għandhom minnufih jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjoniet.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati mit-tali referenza mal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir it-tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

### Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

### Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' April 2015.

*Għall-Kummissjoni  
Il-President  
Jean-Claude JUNCKER*

## ANNESS

Fl-Anness I, Taqsima 3 tad-Direttiva 2006/126/KE li jikkonċerna l-paġna 2 tal-liċenzja tas-sewqan, il-punt (a), il-punt (12) jinbidel b'dan li ġej:

“12. informazzjoni/restrizzjoni(jiet) addizzjonali, fforma ta' kodiċi, quddiem il-kategorija konċernata.

Il-kodiċijiet għandhom ikunu kif ġej:

- kodiċijiet minn 01 sa 99: kodiċijiet armonizzati tal-Unjoni Ewropea

IS-SEWWIEQ (Raġunijiet medici)

01. Korrezzjoni u/jew protezzjoni tal-vista

- 01.01. Nuċċali
  - 01.02. Lenti(jiet) tal-kuntatt
  - 01.05. Għata tal-għajnejn
  - 01.06. Nuċċali jew lentijiet tal-kuntatt
  - 01.07. Għajnuna ottika spċificika
02. Għajnuna tas-smiġħ/tal-komunikazzjoni
03. Prosteżi/ortożi tar-riġlejn u d-dirgħajn
- 03.01. Prosteżi/ortożi tad-dirgħajn
  - 03.02. Prosteżi/ortożi tar-riġlejn

## MODIFIKI FIL-VETTURA

10. Trażmissjoni modifikata

- 10.02. Għażla awtomatika tal-proporżjon tal-ingranaġġ
- 10.04. Tagħmir adattat għall-kontroll ta' trażmissjoni

15. Klaċċ modifikat

- 15.01. Pedala tal-klaċċ aġġustata
- 15.02. Klaċċ imħaddem bl-idejn
- 15.03. Klaċċ awtomatiku
- 15.04. Miżura li tevita l-ostruzzjoni jew l-attwazzjoni tal-pedala tal-klaċċ

20. Sistemi tal-brejkijiet modifikati

- 20.01. Pedala tal-brejk adattata
- 20.03. Pedala tal-brejk adattata sabiex tintuża bis-sieq ix-xellugija
- 20.04. Pedala tal-brejk li tiżżeरżaq
- 20.05. Pedala tal-brejk inklinata
- 20.06. Brejk imħaddem bl-idejn
- 20.07. Tħaddim tal-brejk b'forza massima ta' ... N (\*) (pereżempju: '20.07(300N)')
- 20.09. Brejk tal-ipparkjar adattat
- 20.12. Miżura li tevita l-ostruzzjoni jew l-attwazzjoni tal-pedala tal-brejk
- 20.13. Brejk imħaddem bl-irkoppa
- 20.14. Sistema tat-tħaddim tal-brejkijiet appoġġjata minn forza esterna

25. Sistema tal-aċċellerazzjoni modifikata

- 25.01. Pedala tal-aċċellerazzjoni adattata
- 25.03. Pedala tal-aċċellerazzjoni inklinata
- 25.04. Aċċelleratur imħaddem bl-idejn

- 25.05. Aċċelleratur imħaddem bl-irkoppa
- 25.06. Sistema tat-tħaddim tal-aċċellerazzjoni appoġġjata minn forza esterna
- 25.08. Il-pedala tal-aċċelleratur fuq ix-xellug
- 25.09. Miżura li tevita l-ostruzzjoni jew l-attwazzjoni tal-pedala tal-aċċelarazzjoni
31. Adattamenti tal-pedali u salvagwardji tal-pedali
- 31.01. Sett addizzjonali ta' pedali paralleli
  - 31.02. Pedali fl-istess livell (jew kważi)
  - 31.03. Miżura li tevita l-ostruzzjoni jew l-attwazzjoni tal-pedali tal-aċċellerazzjoni u tal-brejk meta dawn il-pedali ma jithaddmx bis-saqajn
  - 31.04. Qiegħ merfugħ
32. Sistemi kombinati tal-aċċelleratur u tal-brejk ta' servizz
- 32.01. Aċċelleratur u brejk ta' servizz bħala sistema kombinata li titħaddem b'id waħda
  - 32.02. Aċċelleratur u brejk ta' servizz bħala sistema kombinata li titħaddem b'forza esterna
33. Sistemi kombinati tal-istering, l-aċċelleratur u l-brejk ta' servizz
- 33.01. Tħaddim tal-istering, tal-aċċelleratur u tal-brejk ta' servizz bħala operazzjoni ta' sistema kombinata b'forza esterna permezz ta' id waħda
  - 33.02. Tħaddim tal-istering, tal-aċċelleratur u tal-brejk ta' servizz bħala operazzjoni ta' sistema kombinata b'forza esterna permezz taż-żewġ idejn
35. Formati tal-kontroll immodifikati (ls-swiċċijiet tad-dawl, il-wajper u l-woxer tal-windskrin, il-horn, l-indikaturi tad-direzzjoni, eċċ.)
- 35.02. Apparati tal-kontroll operabbi mingħajr ma wieħed jitlaq minn idejh l-apparat tal-istering
  - 35.03. Apparati tal-kontroll operabbi bl-id ix-xellugja mingħajr ma wieħed jerħi minn idejh l-apparat tal-istering
  - 35.04. Apparati tal-kontroll operabbi bl-id il-leminija mingħajr ma wieħed jerħi minn idejh l-apparat tal-istering
  - 35.05. Apparati tal-kontroll operabbi mingħajr ma wieħed jerħi minn idejh l-apparat tal-istering u l-mekkaniżmi tal-aċċellerazzjoni u l-ibbrejkjar
40. Stering modifikat
- 40.01. Stering b'forza massima tat-tħaddim ta' ... N (\*) (pereżempju '40.01(140N)')
  - 40.05. Rota tal-istering adattata (rota tal-istering akbar/eħxen, rota tal-istering b'dijametru mnaqqas, eċċ.)
  - 40.06. Pożizzjoni tar-rota tal-istering adattata
  - 40.09. Stering imħaddem bis-saqajn
  - 40.11. Tagħmir ieħor ta' assistenza tar-rota tal-istering
  - 40.14. Sistema tal-istering adattata alternattiva mħaddma b'id jew driegħ wieħed
  - 40.15. Sistema tal-istering adattata alternattiva mħaddma biż-żewġ idejn jew dirgħajn
42. Apparat modifikat għall-viżjoni ta' wara/tal-ġenb
- 42.01. Apparat adattat għal viżjoni ta' wara
  - 42.03. Apparat addizzjonali ta' ġewwa li jippermetti viżjoni tal-ġenb
  - 42.05. Tagħmir viżiv għall-punti mhux viżibbli
43. Pożizzjoni ta' bilqiegħda tas-sewwieq
- 43.01. Sit tas-sewwieq f'għoli biżżejjed u b'distanza normali mir-rota tal-istering u mill-pedali
  - 43.02. Sit tas-sewwieq adattat skont is-sura tal-ġisem
  - 43.03. Sit tas-sewwieq b'appoġġ lateralī għall-istabbiltà
  - 43.04. Sit tas-sewwieq bis-serħ għad-driegħ
  - 43.06. Adattament taċ-ċinturin tas-sikurezza
  - 43.07. Tip ta' ċinturin tas-sikurezza b'appoġġ għal stabbiltà tajba

44. Modifikasi tal-muturi (l-użu tas-subkodiċi huwa obbligatorju)
- 44.01. Brejk operat singolarment
  - 44.02. Brejk tar-rota ta' quddiem adattat
  - 44.03. Brejk tar-rota ta' wara adattat
  - 44.04. Aċċeleratur adattat
  - 44.08. Għoli tas-sit li jippermetti lis-sewwieq, meta jkun bilqiegħda, li jkollu saqajh it-tnejn imissu mas-superfiċje fl-istess ħin u li l-mutur ikun ibbilanċjat meta jieqaf u jitwaqqaf
  - 44.09. Forza massima tat-tħaddim ta' brejk tar-rota ta' quddiem ... N (\*) (pereżempju '44.09(140N)')
  - 44.10. Forza massima tat-tħaddim ta' brejk tar-rota ta' wara ... N (\*) (pereżempju '44.10(240N)')
  - 44.11. Serrieha tas-sieq adattat
  - 44.12. Gripp tal-idejn adattat
45. Mutur b'sajdkar biss
46. Triċikletti biss
47. Ristrett għal vetturi ta' aktar minn żewġ roti li ma jeħtiġux mis-sewwieq il-bilanċ tal-bidu, tal-waqfien u tat-twaqqif
50. Ristrett għal numru speċifiku ta' vettura/xasi (in-numru tal-identifikazzjoni tal-vettura, VIN)
- Ittri użati flimkien ma' kodiċijiet minn 01 sa 44 għal aktar speċifikazzjoni:
- a xellug
  - b lemin
  - c id
  - d sieq
  - e nofs
  - f driegħ
  - g saba'

#### KODIĊI GĦAL UŻU LIMITAT

61. Limitat għal vjaġġi ta' matul il-ġurnata (pereżempju: siegħa wara s-sebħ u siegħa qabel inżul ix-xemx)
62. Limitat għal vjaġġi b'distanza ta' ... km mill-post tar-residenza tad-detentur jew biss ġewwa l-belt/ir-reġjun
63. Is-sewqan mingħajr passiġġieri
64. Limitat għal vjaġġi b' veloċità ta' mhux aktar minn ... km/siegħa
65. Is-sewqan awtorizzat biss meta akkumpanjat minn dettentur ieħor ta' liċenzja tas-sewqan ta' mill-anqas kategorija ekwivalenti
66. Mingħajr karru
67. Sewqan mhux permess fuq l-awtostradi
68. Ebda alkoħol
69. Ristrett għal vetturi mgħammra b'sistema li t-identifika l-użu tal-alkoħol b'konformità ma' EN 50436. L-indikazzjoni ta' data ta' skadenza hija fakultattiva (pereżempju '69' jew '69(1.1.2016)')

#### KWISTJONIJIET AMMINISTRATIVI

70. Skambju tal-liċenzja Nru ... maħruġa minn ... (il-marka distintiva tal-UE/NU fil-każ ta' pajiż terz; pereżempju '70.0123456789.NL')
71. Duplikat tal-liċenzja Nru ... (il-marka distintiva tal-UE/NU fil-każ ta' pajiż terz; pereżempju '71.987654321.HR')
73. Ristrett għall-vetturi tal-kategorija B tat-tip kwadriċiklu bil-mutur (B1)

78. Ristrett għall-vetturi bi trażmissjoni awtomatika
79. (...) Ristrett għall-vetturi li jikkonformaw mal-ispeċifikazzjonijiet indikati fil-parentesi, għall-applikazzjoni tal-Artikolu 13 ta' din id-Direttiva
- 79.01. Ristrett għall-vetturi b'żewġ roti b'sajdkar jew le
  - 79.02. Ristrett għall-kategorija ta' vetturi AM bi tliet roti jew tat-tip kwadriċiklu ħafif
  - 79.03. Ristrett għat-triċikli
  - 79.04. Ristrett għat-triċikli kkumbinati ma' karrijet b'massimu ta' massa awtorizzat li ma jaqbiżx 750 kg
  - 79.05. Kategorija A1 mutur bi proporzjon ta' qawwa/piż aktar minn 0,1 W/kg
  - 79.06. Vetturi tal-kategorija BE fejn il-massimu ta' massa awtorizzat tal-karru ma jaqbiżx it-3 500 kg
80. Ristrett għad-detenturi ta' liċenzja tas-sewqan tal-kategorija vettura A tat-tip triċiklu bil-mutur li għandhom inqas minn 24 sena
81. Ristrett għad-detenturi ta' liċenzja tas-sewqan tal-kategorija vettura A tat-tip mutur b'żewġ roti li għandhom inqas minn 21 sena
95. Sewwieq li hu d-detentur ta' CPC li jissodisfa l-obbligu ta' kompetenza professionali msemmi fid-Direttiva 2003/59/KE sa ... (pereżempju: '95(01.01.12)')
96. Vetturi tal-Kategorija B ikkombinati b'karru b'massa massima awtorizzata li taqbeż is-750 kg fejn il-massa massima awtorizzata ta' tali kumbinazzjoni taqbeż t-3 500 kg iżda ma taqbiżx l-4 250 kg
97. Mhux awtorizzat li jsuq vettura tal-kategorija C1 li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 3821/85 (\*\*).
- kodiċijiet minn 100 'l fuq: kodiċijiet nazzjonali validi biss għas-sewqan fit-territorju tal-Istat Membru li ġareġ il-liċenzja.

Fejn xi kodiċi japplika għall-kategoriji kollha li għalihom tkun inhārġet il-liċenzja, dan jista' jiġi stampat taħt l-intestaturi 9, 10 u 11;

(\*) Din il-forza tindika l-kapaċită tas-sewwieq li jħaddem is-sistema.

(\*\*) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 tal-20 ta' Diċembru 1985 dwar apparat ta' reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq (ĠU L 370, 31.12.1985, p. 8)".

## DEĊIJONIJIET

### DEĊIJONI TAL-KUNSILL (UE) 2015/654

tal-21 ta' April 2015

li taħtar lis-Segretarju Ĝeneralni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għall-perijodu mill-1 ta' Lulju 2015 sat-30 ta' Ġunju 2020

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 240(2) tiegħu,

Billi għandu jinħatar is-Segretarju Ĝeneralni tal-Kunsill għall-perijodu mill-1 ta' Lulju 2015 sat-30 ta' Ġunju 2020,

ADOTTA DIN ID-DEĊIJONI:

#### Artikolu 1

Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN huwa b'dan maħtur Segretarju Ĝeneralni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għall-perijodu mill-1 ta' Lulju 2015 sat-30 ta' Ġunju 2020.

#### Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi nnotifikata lis-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN mill-President tal-Kunsill.

Għandha tiġi ppubblikata f'll-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fil-Lussemburgu, il-21 ta' April 2015.

Għall-Kunsill

Il-President

E. RINKĒVIČS

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/655

tat-23 ta' April 2015

**skont l-Artikolu 3(3) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-formulazzjoni bbażata fuq il-polidimetilsilossan li tqiegħed fis-suq għall-kontroll tan-nemus**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Fis-16 ta' Mejju 2014, il-Belġju talab lill-Kummissjoni tiddeċiedi, skont l-Artikolu 3(3) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, dwar jekk il-formulazzjoni bbażata fuq il-polidimetilsilossan għall-kontroll tan-nemus hiex prodott bijoċidali għall-finijiet tal-Artikolu 3(1)(a) ta' dak ir-Regolament.
- (2) Skont l-informazzjoni fornuta mill-kumpanija li tqiegħed il-prodott fis-suq, il-formulazzjoni bbażata fuq il-polidimetilsilossan iż-żid rita rqiqa tas-silikon fuq il-wiċċ tal-ilma. It-tensjoni baxxa tas-superficie tar-rita tas-silikon twaqqaf il-larva tan-nemus milli jieħdu l-ossiġenu kif ukoll twaqqaf in-nemus femminili milli jiddepożitaw il-bajd tagħhom fuq wiċċ l-ilma, fejn ħafna minnhom jgħerqu hekk kif jippruvaw.
- (3) Il-formulazzjoni bbażata fuq il-polidimetilsilossan għalhekk tikkostitwixxi ostaklu fiżiku għall-kapaċitajiet riproduttivi tan-nemus.
- (4) Skont l-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 huma biss il-prodotti li huma intenzjonati li jeqirdu, jimpedixxu, jrendu mhux dannuż, jipprevġenu l-azzjoni ta', jew li jeżerċitaw b'mod ieħor effett ta' kontroll fuq kwalunkwe organiżmu ta' ħsara bi kwalunkwe mezz għajr b'azzjoni sempliċiment fiżika jew mekkanika, li jikkostitwixxu prodotti bijoċidali.
- (5) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kunitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

### Artikolu 1

Formulazzjoni bbażata fuq il-polidimetilsilossan għall-kontroll tan-nemus billi żżid rita tas-silikon ta' tensjoni iktar baxxa tas-superficie fuq il-wiċċ tal-ilma, u li titqiegħed fis-suq għal Dak il-ġhan, mhijiex prodott bijoċidali għall-finijiet tal-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.

### Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' April 2015.

*Għall-Kummissjoni  
Il-President  
Jean-Claude JUNCKER*

<sup>(¹)</sup> ĠUL 167, 27.6.2012, p. 1.

## DEĊIŻJONI (UE) 2015/656 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

### tal-4 ta' Frar 2015

**dwar il-kundizzjonijiet li taħthom l-istituzzjonijiet ta' kreditu jitħallew jinkludu profitti interim jew ta' tmiem is-sena f'Kapital ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 skont l-Artikolu 26(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 (BĊE/2015/4)**

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompeti spċifici lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1)(d) u t-tieni subparagraphu tal-Artikolu 4(3) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 26(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(2)</sup> introduċa proċedura ġdida li permezz tagħha l-permess tal-awtorità kompetenti huwa meħtieġ għall-inklużjoni ta' profitti interim jew profitti ta' tmiem is-sena f'Kapital ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 (CET1) qabel ma istituzzjoni tkun ħadet deċiżjoni formal i li tikkonferma l-profiti jew telf finali tal-istituzzjoni għas-sena. Dak il-permess jingħata meta jiġu sodisfatti ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin: il-profiti jkunu ġew ivverifikati minn persuni indipendenti mill-istituzzjoni li jkunu responsabbi għall-awditjar tal-kontijiet ta' dik l-istituzzjoni; u l-istituzzjoni tkun uriet li kwalunkwe imposta jew dividend prevedibbli ġew immaqqsa mill-ammont ta' dawk il-profiti.
- (2) L-Artikoli 2 u 3 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 241/2014 <sup>(3)</sup> jispeċifikaw it-tifsira ta' "prevedibbli" għall-finijiet tal-Artikolu 26(2)(b) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.
- (3) Ir-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014 <sup>(4)</sup> jistabbilixxi rekwiżiti uniformi fir-rigward tar-rapportar superviżorju.
- (4) Skont l-Artikolu 4(1)(d) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) huwa l-awtorità kompetenti responsabbi għall-għoti ta' permess lill-istituzzjonijiet ta' kreditu taħt is-superviżjoni diretta tiegħu biex jinkludu profitti interim jew ta' tmiem is-sena fil-kapital CET1, meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet msemija hawn fuq.
- (5) Meta jitqies il-fatt li r-Regolament ta' Delega (UE) Nru 241/2014 armonizza l-aproċċi għat-tnaqqis ta' dividends prevedibbli minn profitti interim jew ta' tmiem is-sena għall-iskopijiet li jingħata l-permess imsemmi fl-Artikolu 26(2) tar-Regolament Nru (UE) Nru 575/2013, il-permess biex jiġu inklużi profitti interim jew ta' tmiem is-sena fil-kapital CET1 għandu jingħata meta jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet.
- (6) F'każijiet fejn il-kundizzjonijiet biex tiġi applikata din id-Deċiżjoni ma jkunux issodisfati, il-BĊE għandu jevalwa individwalment talbiet għal permess biex jiġu inklużi profitti interim jew ta' tmiem is-sena fil-kapital CET1,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### Artikolu 1

#### Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi l-kundizzjonijiet li taħthom il-BĊE stabbilixxa li għandu jingħata permess lil istituzzjoni ta' kreditu biex jinkludu profitti interim jew ta' tmiem is-sena f'kapital CET1 skont l-Artikolu 26(2)(a) u (b) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

<sup>(1)</sup> ĠUL 287, 29.10.2013, p. 63.

<sup>(2)</sup> Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjoni ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠUL 176, 27.6.2013, p. 1.)

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 241/2014 tas-7 ta' Jannar 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-ParlaMENT Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji għal rekwiżiti ta' Fondi Propriji għal istituzzjoni ta' (ĠUL 74, 14.3.2014, p. 8).

<sup>(4)</sup> Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014 tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implantazzjoni fir-rigward tar-rapportar superviżorju ta' istituzzjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠUL 191, 28.6.2014, p. 1.).

2. Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju ġħad-dritt ta' istituzzjonijiet ta' kreditu li jitkolha permess mingħand il-BĊE biex jinkludi profitti interim jew ta' tmiem is-sena fkapital CET1 fkażiżiet mhux koperti minn din id-Deċiżjoni.

3. Din id-Deċiżjoni tapplika ġħal istituzzjonijiet ta' kreditu li ġħalihom il-BĊE iwettaq superviżjoni diretta skont ir-Regolament (UE) Nru 468/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2014/17) (¹).

## Artikolu 2

### Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1. "istituzzjoni ta' kreditu" tfisser istituzzjoni ta' kreditu kif iddefinita fil-punt (1) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u li taqa' taħbi is-superviżjoni tal-BĊE;
2. "bażi konsolidata" għandha l-istess tifsira kif iddefinita fil-punt 48 tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;
3. "bażi subkonsolidata" għandha l-istess tifsira kif iddefinita fil-punt 49 tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;
4. "entità konsolidanti" tfisser l-istituzzjoni ta' kreditu li ġħandha tikkonforma mar-rekwiżiti stipulati fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 fuq bażi konsolidata jew subkonsolidata, skont l-Artikoli 11 u 18 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;
5. "profitti interim" tfisser profitti kif stipulat fil-qafas ta' kontabilità applikabbli, ikkomputati għal perijodu ta' referenza iqsar minn sena finanzjarja sħiħa, u qabel ma l-istituzzjoni ta' kreditu tkun ħadet deċiżjoni formali li tikkonferma dak il-profitti jew telf tal-istituzzjoni;
6. "profitti ta' tmiem is-sena" tfisser profitti kif iddefiniti fil-qafas ta' kontabilità applikabbli, ikkomputati għal perijodu ta' referenza ugwali għal sena finanzjarja sħiħa, u qabel ma l-istituzzjoni ta' kreditu tkun ħadet deċiżjoni formali li tikkonferma dak il-profitti jew telf tal-istituzzjoni;
7. "proporzjoni ta' ħlas flivell konsolidat" tfisser il-proporzjon bejn: (a) dividendi, minbarra dawk imħallsa fforma li ma tnaqqasx il-kapital CET1 (eż. scrip-dividends), imqassma lis-sidien tal-entità konsolidanti; u (b) profiti wara t-taxxa attribwibbli lis-sidien tal-entità konsolidanti. Jekk għal sena partikolari, il-proporzjon bejn (a) u (b) ikun negativ jew 'il fuq minn 100 %, il-proporzjon tal-ħlas għandu jitqies li huwa 100 %. Jekk għal sena partikolari (b) ikun żero, il-proporzjon tal-ħlas għandu jitqies li huwa 0 % jekk (a) ikun żero, u 100 % jekk (a) ikun 'il fuq minn żero.
8. "proporzjoni ta' ħlas flivell individwali" tfisser il-proporzjon bejn: (a) dividendi, minbarra dawk imħallsa fforma li ma tnaqqasx il-kapital CET1 (eż. scrip-dividends), imqassma lis-sidien tal-entità; u (b) profiti wara t-taxxa. Jekk, għal sena parikolari, il-proporzjon bejn (a) u (b) ikun negativ jew 'il fuq minn 100 %, il-proporzjon tal-ħlas għandu jitqies li huwa 100 %. Jekk għal sena partikolari (b) ikun żero, il-proporzjon tal-ħlas għandu jitqies li huwa 0 % jekk (a) ikun żero u 100 % jekk (a) ikun 'il fuq minn żero.

## Artikolu 3

### Permess biex jiġi inklużi profitti interim jew ta' tmiem is-sena fil-kapital CET1

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 26(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jitħallew jinkludu profitti interim jew ta' tmiem is-sena fil-kapital CET1 qabel ma tkun ittieħdet deċiżjoni formali li tikkonferma l-profitti jew telf finali tal-istituzzjoni għas-sena, sakemm l-istituzzjoni ta' kreditu tkun issodisfat il-kundizzjonijiet stipulati fil-Artikoli 4 u 5 ta' din id-Deċiżjoni.
2. Il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 4 u 5 għandhom jiġi ssodisfati qabel is-sottomissjoni tar-rapportar applikabbli dwar fondi propri u rekwiżiti ta' fondi propri skont id-dati ta' meta għandu jintbagħha ir-rapport kif stipulat fl-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 680/2014.

(¹) Regolament (UE) Nru 468/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi l-qafas għal kooperazzjoni fi ħdan il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku bejn il-Bank Ċentrali Ewropew u l-awtoritatjet nazzjonali kompetenti u mal-awtoritatjet nazzjonali ddenominati (Regolament Qafas dwar l-MSU) (BĊE/2014/17) (ĠUL 141, 14.5.2014, p. 1).

3. L-istituzzjonijiet ta' kreditu li jkollhom il-ħsieb li jinkludu profitti interim jew ta' tmiem is-sena fil-kapital CET1 għandhom jibagħtu ittra indirizzata lill-BĊE li tinkludi d-dokumentazzjoni meħtieġa fl-Artikoli 4 u 5 ta' din id-Deċiżjoni. Fi żmien tlett ijiem ta' ħidma minn meta tiġi riċevuta d-dokumentazzjoni relevanti, il-BĊE għandu jinnotifika lill-istituzzjonijiet ta' kreditu dwar jekk dik id-dokumentazzjoni tinkludix l-informazzjoni meħtieġa f'din id-Deċiżjoni.

#### Artikolu 4

##### **Verifika tal-profitti**

1. Il-BĊE għandu jikkunsidra li r-rekwiżit ta' verifika taħt l-Artikolu 26(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 ġie ssodisfat jekk l-istituzzjoni ta' kreditu notifikanti tipprovi lill-BĊE b'dokument iffirmsat mill-awditurex estern tagħha li jikkonforma mar-rekwiżiti stipulati fil-paragrafi 3 u 4.

2. L-istituzzjonijiet ta' kreditu li jinnotifikaw l-intenzjoni tagħhom li jinkludu profitti interim jew ta' tmiem is-sena bħala kapital CET 1, fdiverti livelli ta' konsolidazzjoni jew fuq bażi individwali, jistgħu jipprovdu d-dokument imsemmi fil-paragrafu 1 fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni.

3. Għall-profitti ta' tmiem is-sena, il-verifika għandha tikkonsisti jew frappo ta' verifika jew fittra ta' konfort li tiddikjara li l-awditurex ma tlestix u li xejn ma nġieb għall-attenzjoni tal-awditurex li jiegħelhom jemmnu li r-rapport finali ser jinkludi opinjoni kkwalifikata.

4. Għall-profitti interim, il-verifika għandha tikkonsisti jew frappo ta' awditurex jew inkella frappo ta' rieżami (kif id-definit mill-Istandard Internazzjonali dwar Impenji ta' Rieżami 2410 maħruġa mill-Bord tal-Istandards Internazzjonali dwar l-Awditjar u l-Assigurazzjoni jew standard kumparabbli applikabbi flivell nazzjonali) jew, sakemm il-verifika mwettqa mill-istituzzjoni ta' kreditu tkun tikkonsisti frappo ta' awditurex, ittra ta' konfort fuq il-linji stipulati fil-paragrafu 3.

#### Artikolu 5

##### **Tnaqqis mill-profitti ta' kwalunkwe imposta jew dividend prevedibbli**

1. Sabiex jintwera li kwalunkwe imposta jew dividend prevedibbli ġew imnaqqsa mill-ammont ta' profitti, l-istituzzjoni ta' kreditu għandha:

(a) tipprovi dikjarazzjoni li dawk il-profitti ġew irregjistrati skont il-prinċipji stipulati fil-qafas tal-kontabilità applikabbi u li l-ambitu tal-konsolidazzjoni prudenzjali ma huwiex materjalment usa' mill-ambitu tal-verifika msemmi fid-dokument tal-awditurex estern imsemmi fl-Artikolu 4; u

(b) tissottometti lill-BĊE dokument iffirmsat minn persuna kkwalifikata li tagħti dettalji dwar il-komponenti ewleni ta' dawk il-profitti interim jew ta' tmiem is-sena, inkluż tnaqqis għal kwalunkwe imposta jew dividend prevedibbli.

2. F'dawk il-każijiet fejn profitti interim jew ta' tmiem is-sena jkollhom jiġu inklużi fuq bażi konsolidata jew subkonsolidata, ir-rekwiżiti msemmi ja fil-paragrafu 1 għandhom jiġu ssodisfati mil-entità konsolidanti.

3. Id-dividend li għandhom jitnaqqsu għandhom ikunu l-ammont propost jew deċiż formalment mill-korp maniżżejjeli. Jekk dik il-proposta jew deċiżjoni formali tkun għadha ma tteħditx, id-dividend li għandu jitnaqqas għandu jkun l-ogħla wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) id-dividend massimu kkalkulat skont il-politika interna dwar id-dividends;

(b) id-dividend ikkalkulat fuq il-bażi tal-proporzjon medju ta' ħlas fuq l-aħħar tliet snin;

(c) id-dividend ikkalkulat fuq il-bażi tal-proporzjon ta' ħlas tas-sena preċedenti.

4. Kwalunkwe tnaqqis ta' dividends ibbażat fuq approċċ mhux elenkat fil-paragrafu 3 ma għandux ikun kopert b'din id-Deċiżjoni.

5. Għall-finijiet tal-paragrafu 1(b), persuna kkwalifikata tfisser persuna li tkun ġiet awtorizzata debitament mill-korp maniżżejjeli tal-istituzzjoni biex tiffirma f'ismu.

6. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-istituzzjonijiet għandhom jużaw il-mudell ta' ittra li jinsab fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 6***Dħul fis-seħħ**

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-6 ta' Frar 2015.
2. Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mid-data ta' referenza tar-rapportar tal-31 ta' Diċembru 2014 skont l-Artkolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014.

Magħmul fi Frankfurt am Main, ir-4 ta' Frar 2015.

*Il-President tal-BĊE*

Mario DRAGHI

## ANNESS

[Isem u dettalji tal-istituzzjoni]

[Isem u dettalji tal-Koordinatur TSK]

[Post, data]

[Referenza tal-istituzzjoni]

**Inklużjoni ta' profitti f'Kapital ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 (CET1)**

Għażiż/a [Sinjur/Sinjura],

Għall-finijiet tas-sottomissjoni tar-rapportar superviżorju msemmi fi [data ta' referenza għar-rapportar regolatorju], skont l-Artikolu 26(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni (UE) 2015/656 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2015/4), bil-preżenti ninnotifika l-intenzjoni ta' [isem tal-istituzzjoni/grupp bankarju/ sottogrupp bankarju] biex jinkludi fil-kapital CET 1 tiegħu [individwali/konsolidat] il-profitti netti li jirriżultaw mid-dikjarazzjonijiet finanzjarji [interim/annwali] tiegħu hekk kif kienu [fid-data tal-karta tal-bilanċ].

Il-profitti netti li għandhom jiġu inklużi fil-kapital CET1 ġew ikkalkulati skont kif ġej:

- |   |              |
|---|--------------|
| (a) profitt qabel it-taxxa mhux imqassam  | [EUR 0]      |
| (b) taxxi   | [EUR 0]      |
| (c) imposti oħrajn li jimponi s-superviżur <sup>(1)</sup>   | [EUR 0]      |
| (d) imposti prevedibbli oħrajn mhux inklużi fid-dikjarazzjoni tal-profitt u t-telf <sup>(2)</sup> | [EUR 0]      |
| (e) imposti totali (b + c + d)  | [EUR 0]      |
| (f) dividend deċiż jew propost <sup>(3)</sup>   | [EUR 0/vojt] |
| (g) dividend massimu taħt politika interna <sup>(4)</sup>   | [EUR 0]      |
| (h) dividend skont il-proporzjon ta' ħlas medju (l-aħħar tliet snin) <sup>(5)</sup>               | [EUR 0]      |
| (i) dividend skont il-proporzjon ta' ħlas tas-sena li għaddiet                                    | [EUR 0]      |
| (j) dividend li għandu jitnaqqas (mass (g, h, i) jekk (f) huwa vojt; inkella f)                   | [EUR 0]      |
| (k) impatt ta' restrizzjoni regolatorji <sup>(6)</sup>  | [EUR 0]      |
| (l) profit li jista' jiġi inkluż f'CET1 (a – e – j + k)   | [EUR 0]      |

Għall-finijiet ta' dak li ngħad hawn fuq, bil-preżenti niddikjara li:

— iċ-ċifri mogħtija hawn fuq huma preċiżi sa fejn naf jien;

<sup>(1)</sup> Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 241/2014.

<sup>(2)</sup> Artikolu 3(2) tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 241/2014.

<sup>(3)</sup> Artikolu 2(2) u (10) tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 241/2014. Dan għandu jkun żero biss jekk ikun hemm deċiżjoni formal iew proposta li ma jitqassam ebda dividend. Jekk ma jkun hemm ebda proposta jew deċiżjon formalid din il-kaxxa titħalla vojta.

<sup>(4)</sup> Artikolu 2(4) sa (6) tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 241/2014.

<sup>(5)</sup> Artikolu 2(7) tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 241/2014.

<sup>(6)</sup> Artikolu 2(9) tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 241/2014.

- il-profitti ġew ivverifikati minn persuni li huma indipendenti minn din l-istituzzjoni u li huma responsabbli għal-auditjar tal-kontijiet ta' din l-istituzzjoni, kif meħtieġ mill-Artikolu 26(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u mid-Deċiżjoni (UE) 2015/656 (BĊE/2015/4). F'dan ir-rigward, qiegħed nehmeż [ir-rapport tal-auditu/ir-rapport ta' rieżami/l-ittra ta' konfort] minn [isem l-auditur];
- il-profitti ġew evalwati skont il-prinċipji stipulati fil-qafas ta' kontabilità applikabbi;
- kwalunkwe imposta jew dividend prevedibbli ġew imnaqqs mill-ammont tal-profitti, kif muri hawn fuq;
- l-ammont ta' dividendi li għandu jitnaqqas ġie stmat skont id-Deċiżjoni (UE) 2015/656 (BĊE/2015/4). B'mod partikolari, id-dividendi deduċibbli huma bbażati fuq deċiżjoni/proposta formali jew, jekk dik id-deċiżjoni/proposta formali ma tkunx disponibbli, fuq l-ogħla minn: (i) id-dividend massimu skont il-politika tad-dividend; (ii) dividend ibbażat fuq il-proporzjon ta' ħlas medju fuq l-aħħar tliet snin; (iii) dividend ibbażat fuq il-propozjon ta' ħlas tas-sena li għaddiet. Jekk il-ħlas ta' dividend mistenni jkun ġie kkalkulat bl-użu ta' medda ta' ħlas minflok valur fiss, ikun intuża t-tarf ta' fuq ta' dik il-medda;
- il-korp maniġerjali ta' [isem tal-istituzzjoni/grupp bankarju/sottogrupp bankarju] jinrabat li jagħmel proposta għad-distribuzzjoni ta' dividendi li hija totalment konsistenti mal-kalkolu mogħiġi hawn fuq tal-profitti netti.

Dejjem tiegħek,

[Issem u kariga tal-firmatarju awtorizzat]









ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)  
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea  
2985 Il-Lussemburgu  
IL-LUSSEMBURGU

MT